Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 448 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Rennie Stivala

Vs

Sergio Agius

Illum 17 ta' Settembru, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Sergio Agius detenur tal-karta tal-identita Maltija 232478M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Birzebbugia, bejn it-13 ta' Frar 2014 u l-14 ta' Frar 2014:

1) Wettaq serq ta' container bin-numru TEMU 2403485 mimli sigaretti minn gewwa l-Freeport f' Birzebbugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, lok u valur, u li l-valur tieghu jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin ewro u tnejn u disghin centezmu (€232.92);

2) Irrenda lilu nnifsu komplici ta' delitt, billi ta ghodod jew mezzi ohra li bihom sar id-delitt, meta kien jaf li kellhom jigu hekk uzati; jew billi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

U billi fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana gie akkużat:

3) Talli fit-13 ta' Frar 2014, ġewwa l-Malta Freeport Terminal, bil-kompliċita' u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellu b' xi mod x' jaqsam fit-twarrib, depożt, ħabi u ġarr ta' madwar 450 kaxxa sigaretti bla dazju, kif

deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazji u taxxa li jkun imisshom jitħallsu fuqhom:

450 Kaxxa b' 10,000 sigarett kull kaxxa tal-marka EMPIRE ROYALS.

Dawn is-sigaretti għandhom valur totali ta' €130,500, Dazju tas-Sisa dovut €675,000, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €75,168 u €158,520.24 rispettivament, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kienux imħallsa jew kawtelati.

Il-merkanzija in kwestjoni ġiet importata f'Malta fit-2 ta' Frar 2014 mal-vapur MV CMA CGM VERDI bil-container TEMU 2403485.

Dan bi ksur tal-Artikli: 62 (a) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62, tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u kif ukoll tal-Artiklu 16 (1) (j) (n), tal-Kap 382, tal-Liġijiet ta' Malta.

Minħabba l-fatt li dawn is-sigaretti huma soġġetti wkoll għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għaldaqstant ngibdet l-attenzjoni dwar proċeduri oħra separati li jistgħu jittieħdu mid-Dipartiment konċernat fil-konfront ta' SERGIO AGIUS, ai termini tal-Att Dwar It-Taxxa Fuq Il-Valur Miżjud Kap 406, tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll fuq talba tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, gie akkuzat talli:

4) Talli fit-13 ta' Frar 2014, ġewwa l-Malta Freeport Terminal, bil-kompliċita' u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fit-twarrib, depożitu, ħabi u ġarr ta' madwar 450 kaxxa sigaretti bla dazju, kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazji u taxxa li jkun imisshom jitħallsu fuqhom:

450 Kaxxa b' 10,000 sigarett kull kaxxa tal-marka EMPIRE ROYALS

Dawn is-sigaretti għandhom valur totali ta' €130,500, Dazju tas-Sisa dovut €675,000, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €75,168 u €158,520.24 rispettivament, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kienux imħallsa jew kawtelati.

Il-merkanzija inkwestjoni ġiet importata f'Malta fit-2 ta' Frar 2014 mal-vapur MV CMA CGM VERDI bil-container TEMU 2403485.

Reati u pieni: L-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Qorti giet wkoll ġentilment mitluba sabiex f' kaz ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta' April, 2015 permezz ta' liema baghat lill-imputat Sergio Agius biex jigi aggudikat mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 373(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mahsub fis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Ligi:-

a. Fl-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(d), 279(b), 280(1) u 281(b) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 62 (a)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) u paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza tad-Dwana) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. L-artikoli 16(1)(j)(n) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Dazju tas-Sisa) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. L-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Fl-artikoli 17, 23, 23A, 31, 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48, 467(2)(3) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Dicembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 20, 42, 43, 44, 45, 46, 261(c)(d)(e), 267, 268(d), 269(d), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat SERGIO AGIUS hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni u illiberatu minnhom, sabet lill-istess imputat SERGIO AGIUS hati tal-ewwel u t-tieni akkuza miguba kontrih, limitatament in kwantu ghall-ewwel akkuza, li f' Birzebbuga, bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2014 irrenda lilu nnifsu komplici tad-delitt tas-serq tal-container TEMU 2403485 liema serq in kwantu ghall-imputat huwa kkwalifikat bil-lok, il-persuna u l-valur, tieghu, u ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sittax (16)-il xahar izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-imputat SERGIO AGIUS illi jhallas ukoll is-somma komplessiva ta' sitt mija u disgha u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€699.75)[1] lir-Registratur tal-Qorti, rapprezentanti l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti f' dawn il-proceduri cioe` Dr. Leontine Calleja u Nathalie Zahra, u nofs l-ispejjez tal-esperti Dr. Martin Bajada u PS Joseph Caruana u PS Paul Camilleri mahturin fl-istadju tal-proces-verbal tal-inkjesta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

---

[1] Dr. Leontine Calleja (Dok. LC - €17.65); Nathalie Zahra (Dok. NZ - €411.58); Dr. Martin Bajada (Dok. MB - €121.16) u PS239 Joseph Caruana u PS404 Paul Camilleri (Dok. FSL - €419.87).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Sergio Agius, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Dicembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tirrevokaha f' dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni limitatament in kwantu rrenda lilu nnifsu komplici fid-delitt tas-serq aggravat tal-container TEMU 2403485 u f' dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' prigunerija ta' sittax (16)-il xahar liema terminu gie sospiz ghal perijodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar u ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali, u tikkonfermaha fil-bqija u tilliberah minn kull htija u piena, jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena.

Rat illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha rigward l-involviment ta' l-esponent in bazi kemm ghal provi li kienu legalment inammissibbli kif ukoll ghal evidenza li effettivament ma rrizultatx mill-provi.
Illi l-Qorti tal-Magistrati rrilevat immedjatament, fl-evalwazzjoni taghha, li ma kienx jirrizulta sufficjentement mill-kumpless tal-provi li l-esponent kien l-awtur tas-serq tal-container jew ko-awtur f'dan is-serq. Imbaghad ghaddiet sabiex tezamina jekk kienx hemm bizzejjed provi biex jinstab hati bhala komplici. Jinghad bl-akbar rispett li f'dan l-ezami il-Qorti ghamlet tlett zbalji kardinali.

Illi, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Magistrati tat importanza sostanzjali lill-fatt li l-esponent kien cahad li kien fiz-zona fejn sehhet l-allegata serqa, u cioe` fiz-zona tal-Malta Freeport. F'pagna 33 tas-sentenza appellata jinghad effettivament hekk:

*"F' dan l-isfond, il-Qorti tifhem li l-imputat jichad li huwa kien fiz-zona tal-Freeport fit-13 ta' Frar 2014. Madankollu, huwa evidenti li din il-verzjoni tinsab kontradetta mill-provi, u senjatament izda mhux limitatament mit-testimonjanza ta' Marisa Gauci u Lawrence Farrugia, liema testimonjanza tqieghed lill-imputat gewwa l-Freeport fl-istess gurnata li nsteraq il-container cioe` fit-13 ta' Frar 2014."*

Illi f' pagna 34 jinghad hekk:

*"Din il-versjoni ta' l-imputat tkompli titlef mill-kredibbilita` taghha meta jittiehed qies tal-fatt illi l-impronti digitali tas-suba' tac-curkett ta' id ix-xellugija tieghu, gie identifikat fuq wiehed mit-tankijiet tal-ilma li nstabu fil-container in kwistjoni meta dan infetah wara li gie rega' ddahhal fil-Freeport l-ghada tas-serqa, fl-14 ta' Frar 2014."*

Illi l-esponent irrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda fil-21 ta' Frar, 2014 u l-ohra fit-28 ta' Frar, 2014. Fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien sostna li bil-ligi kif vigenti dak iz-zmien, huwa ma setghax ikun assistit minn avukat waqt it-tehid taghhom u seta' biss jikkonsulta, minghajr il-beneficcju tad-disclosure, ma' avukat ghal siegha qabel ma jaghmel id-dikjarazzjonijiet tieghu. F'dan il-kaz l-esponent, f' dawn ic-cirkostanzi ta' dritt, ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat. Huwa ghalhekk talab lil dik il-Qorti sabiex tiddikjara dawk l-istqarrijiet bhala inammissibbli u, inoltre, tiskarta kwalsiasi kumment li ghamlet il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha dwar dawk l-istqarrijiet.

Illi fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati <u>laqghet din it-talba</u> ta' l-esponent wara studju approfondit tal-gurisprudenza in materja. Huwa ghalhekk kontro-sens pjuttost gravi li, filwaqt li fil-parti ta' l-esposizzjoni tal-ligi ghazlet li twarrab dawn l-istqarrijiet, fil-parti ta' l-evalwazzjoni tal-provi tathom importanza strategika fis-sens li ddikjarat minghajr mezzi termini li l-esponent ma kienx kredibbli. F' dan is-sens l-apprezzament maghmul mill-Qorti huwa mhux biss fattwalment skorrett, kif ser jigi spjegat iktar ' il quddiem, izda addirittura legalment zbaljat.

Illi, fit-tieni lok, jidher evidenti li l-Qorti tal-Magistrati strahet fuq apprezzament superficjali tax-xiehda ta' Lawrence Farrugia u Stephen Calleja liema xhieda suppost gharfu lill-imputat. Il-Qorti, filwaqt li kkoncediet li l-identifikazzjoni ma saritx "f' termini assoluti u inekwivoci", naqset milli tezamina dak li verament qalu dawn iz-zewg xhieda u f' liema kuntest qaluh. Jidba sabiex jinghad li kien biss Farrugia li haseb li gharaf lill-esponent ghaliex is-suppost identifikazzjoni ta' Calleja kienet biss opinjoni li nghatat minnu wara li ra s-CCTVs tal-Malta Freeport xi granet wara l-kaz.

Illi huwa evidenti li x-xiehda ta' Stephen Calleja ma hi xejn ghajr opinjoni li kellha tigi dikjarata bhala inammissibbli minghajr ebda ezitazzjoni. Dan ix-xhud xehed f'dan ir-

rigward li xi jiem wara l-incident, huwa kien ra l-filmati relattivi u osserva li mill-karnaggjon ta' l-individwu u mill-mixja tieghu, dehrlu li wiehed mill-persuni "seta' kien Sergio Agius". Tali dikjarazzjoni nebuluza ma hijiex identifikazzjoni izda tikkostitwixxi biss opinjoni dwar dak riskontrat mill-filmati. Tali apprezzament, semmai, kellu jsir mill-Qorti u certament mhux minn xhud ordinarju.

Illi dan qed jinghad indipendentement mill-fatt li filwaqt li l-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha, allegat b' mod kategoriku li *"Stephen Calleja gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed topera r-reach stacker bin-numru 69 li deher fil-filmat tas-CCTV jghabbi l-container fuq it-trakk"*, fix-xiehda tieghu Calleja ma jaghmel ebda referenza ghal mument meta suppost gharaf lill-esponent. Infatti hu jghid hekk: *"Jiena dawn il-filmati rajthom fit-tmintax (18) ta' Frar kien jum it-Tlieta flimkien ma' dan Jesmond u bil-mod kif bdejt nara l-karnaggjon tal-individwu u mill-mixja tieghu jiena dehrli li seta kien Sergio Agius"*. Jigifieri fl-ebda mument ma qal dan ix-xhud li s-suppost identifikazzjoni tieghu tal-esponent kienet tirreferi ghall-mument ta' meta gie operat ir-reach stacker.

Illi ghalhekk l-opinjoni moghtija minn dan ix-xhud ma tindikax il-mument tal-identifikazzjoni u, fi kwalunkwe hija inammissibbli in kwantu tikkostitwixxi opinjoni ta' xhud. Ghalhekk tali xiehda kellha tigi skartata principalment ghaliex hija inammissibbli u sussidjarjament ghaliex hija inkonklussiva u inattendibbli.

Illi x-xiehda ta' Lawrence Farrugia hija wkoll inkonklussiva ghal zewg ragunijiet. L-ewwelnett Farrugia huwa kollega ta' l-esponent u fil-mument ta' l-identifikazzjoni huwa kien vicin hafna tat-truck. Huwa bl-akbar rispett inkoncepibbli kif tista' tittiehed bhala valida xiehda li, f' cirkostanzi bhal dawn, tghid li *"mix-xebh tieghu donni deherli li kont diga naf minn hi din il-persuna. Fil-fatt hsibt li setgha kien il-persuna ta' Sergio"*. Id-domanda hija ovvja: kif tista' tkun attendibbli xiehda ta' persuna li qieghed jara kollega tieghu minn distanza qasira hafna u qieghed jesprimi dubji dwar l-identifikazzjoni tieghu? Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal dan, din is-suppost identifikazzjoni saret fit-3.30pm, u cioe` qabel ma saret is-serqa allegata.

Illi, ghalhekk, ma tezisti ebda prova ammissibbli u attendibbli ta' l-identifikazzjoni ta' l-esponent fil-mument ta' l-allegata serqa.

Illi, fit-tielet lok, il-Qorti tal-Magistrati strahet fuq ix-xiehda tal-espert taghha Nathalie Zahra li kkonkludiet li wiehed mil-lifters mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt (dok 14AMB304) kien jaqbel mas-saba' tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-esponent. Dan il-lifter gie mehud minn fuq tank vojt ta' l-ilma li nstab gewwa l-container l-ghada ta' l-allegat serqa.

Illi l-Qorti qalet, fis-sentenza appellata, li *"il-provi jistabbilixxu li la hu [l-esponent] u lanqas haddiehor suppost kellu kuntatt ma' dak il-container, ahseb u ara mal-kontenut tieghu. Lanqas ma huwa probabbli li hu jhalli marka tieghu proprju* <u>*gewwa dak il-container*</u>*, b' mod legittimu jew b' kumbinazzjoni"* (sottolinear ta' l-esponent). Ghandu jinghad fl-ewwel lok li l-konkluzjoni tal-Qorti li l-esponent, li jahdem gewwa l-Freeport, ma kellux ikollu kuntatt mal-container hija wahda gratuwita in kwantu ma jirrizulta minn imkien mill-provi li dan huwa l-kaz.

Illi, fi kwalunkwe kaz, il-konkluzjoni li l-esponent halla l-marka tieghu gewwa l-container hija wahda zbaljata peress li l-impronta nstabet fuq tank ta' l-ilma u mhux gewwa l-container. Il-fatt lit-tank tal-ilma kien qieghed gewwa l-container huwa biss incidentali u ma jfissirx necessarjament li l-esponent kellu xi kuntatt mal-container. Il-Qorti sahqet hafna, fis-sentenza taghha, fuq il-valur tal-provi indizzjarji. Huwa risaput li l-provi indizzjarji jridu jkunu univoci, u cioe` jippuntaw kollha fl-istess direzzjoni. Il-prova ta' impronta digitali fuq tank tal-ilma tista' ipotetikament tfisser, inter alia, li l-esponent assista lill-awturi tar-reat wara l-fatt. Huwa risaput li l-komplicita` wara l-fatt ma twassalx ghar-reita` fis-sistema nostrali (vide, inter alia, is-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. David Gatt*** (11.11.2011) u ***Il-Pulizija v. Liliana Galea*** (28.03.2012)).

Illi huwa ghalhekk evidenti li l-Qorti tal-Magistrati strahet fuq provi li kienu inammissibbli, inattendibbli u inkonklussivi meta waslet ghall-konkluzjoni li jezistu bizzejjed provi [indizzjarji] sabiex l-esponent jinstab hati ta' komplicita` fis-serqa tal-container.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, fl-aghar ipotesi ghall-esponent, il-fatti jwasslu ghal *furto d' uso* aggravat li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma huwiex kontemplat bhala reat.

Illi huwa risaput li l-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni tar-reat ta' serq. Huwa daqstant risaput li l-Qrati taghna dejjem strahu fuq id-definizzjoni moghtija mill-gurist Taljan Francesco Carrara, u cioe` *la contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro*. Infatti, fis-sentenza recenti fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Jonathan Zammit*** (27.03.2017), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat lir-reat ta' serq jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-qrati taghna. Dawn huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga; (ii) ta' haddiehor; (iii) b' qerq; (iv) kontra l-volonta` tas-sid; u (v) bl-iskop ta' lukru. Dawn l-elementi huma infatti traccabbli ghall-insenjament imsemmi tal-Carrara (*Programma*, Parte Speciale, Vol IV, para 2017).

Illi, fir-rigward tal-element formali, Francesco Antolisei (*Manuale di Diritto Penale*, Parte Speciale 1, ed. 2016, p. 416) jghid hekk dwar l-artikolu 624 tal-Kodici Penali Taljan:

*"Il dolo nel furto richiede anzitutto la coscienza e la volonta` di impossessarsi della cosa mobile altrui, sottraendola al detentore. Esige inoltre una particolare intenzione, e precisamente il fine di trarre profitto dalla cosa per se` o per altri. Questo secondo requisito da` all' elemento soggettivo del furto il carattere di vero e proprio dolo specifico, perche` il fine richiesto sta al di la`, e cioe` fuori del fatto che costituisce il reato, non essendo necessario il conseguimento del profitto per la consumazione del reato stesso."*

Illi, ghalhekk, l-artikolu analogu Taljan, ghall-finijiet ta' reita` fir-reat ta' serq, jesigi kemm element formali generiku – li jikkonsisti fil-konsapevolezza u l-volonta` li wiehed jiehu l-pussess ta' oggett mobbli ta' terz – kif ukoll element formali specifiku – li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed jaghmel profitt ghalih jew ghal haddiehor. Il-posizzjoni rigward l-element formali skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija identika.

Illi l-legislatur Taljan kien konsapevoli tal-fatt li tali intenzjoni kienet teskludi dak li komunement jissejjah il-furto d' uso. Infatti l-artikolu 626 tal-Kodici Penali Taljan jikkontempla r-reat specifiku ta' min *"ha agito al solo scopo di fare uso momentaneo della cosa sottratta, e questa, dopo l'uso momentaneo, e` stata immediatamente restituita".* L-Antolisei (*op. cit.,* p. 448), jghid hekk fir-rigward ta' l-element formali rikjest ghal dan ir-reat specifiku:

"Il *dolo* del delitto in parola e` identico a quello del furto, <u>con in piu` un elemento specifico consistente nel solo scopo di fare uso momentaneo della cosa sottratta</u>. Naturalmente esso deve essere accompagnato dall' intenzione di restituire la cosa subito dopo l'uso fattone." (sottolinear ta' l-esponent)

Illi ghalhekk min ghandu l-intenzjoni li jaghmel uzu temporanju mill-oggett sottratt ma jistax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 624 izda jista' biss jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 626 tal-Kodici Penali Taljan.

Illi, minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fl-ewwel aggravju, dak li rrizulta f' dan il-kaz kien li fit-13 ta' Frar tas-sena elfejn u erbghatax (2014), ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm), kien hareg mill-Malta Freeport il-container meritu ta' dan il-kaz. Dan l-istess container kien rega' ddahhal fil-Malta Freeport l-ghada filghodu, u cioe` ftit sieghat wara li ttiehed.

Illi s-sitwazzjoni fil-ligi Maltija hija simili in kwantu l-legislatur Malti haseb biex introduca forom specjali ta' *furto d' uso*. L-artikolu 288 tal-Kodici Kriminali jghid li jehel il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet, meta, fil-kaz ta' serq semplici, l-utli li kellu fi hsiebu l-awtur, kien dak tal-uzu biss tal-haga, bil-hsieb li jroddha minnufih. Dan l-artikolu huwa simili ghall-artikolu 626 tal-Kodici Penali Taljan bid-differenza li huwa limitat ghas-serq semplici u ma japplikax ghas-serq kwalifikat ossia aggravat (vide, inter alia, is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Emmanuel Mamo*** (18.01.1996)).

Illi fejn il-legislatur Malti ried li l-*furto d' uso* jigi punit f' kazijiet ta' serq kwalifikat, dan ghamlu bl-inkluzjoni ta' reat *ad hoc* bhal, per ezempju, l-artikolu 61 ta' l-Att dwar ir-

Regolament tat-Traffiku li jittratta l-uzu temporanju ta' vettura minghajr il-kunsens tas-sid jew awtorita` legittima ohra.

Illi dan l-artikolu ma giex addebitat lill-esponent u ghalhekk ma seta' qatt jinstab hati tieghu. Pero` dan in-nuqqas ma setghax iwassal biex l-esponent jigi misjub hati ta' reat fejn l-element formali partikolari u specifiku huwa eskluz mill-provi li gew prodotti. Ghalhekk l-esponent kellu jigu lliberat minn l-imputazzjoni ta' komplicita` f' serq kwalifikat.

Illi <u>t-tielet u l-ahhar aggravju</u> jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-kwalita` tal-piena erogata hija harxa wisq tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi fl-ewwel lok qed jigi sottomess li l-kondotta ta' l-esponent ma hijiex wahda refrattarja u l-ahhar darba li nstab hati ta' reati jirrisali ghal kwazi ghoxrin sena ilu.

Illi, fit-tieni lok, l-esponent gie lliberat mill-istragrande maggoranza tar-reati migjuba kontrih. Jinghad bl-akbar rispett u minghajr pregudizzju ghal dak sottomess fit-tieni aggravju li l-piena ta' prigunerija, nonche` sospiza, ma hijiex indikata ghar-reat ta' serq ghall-uzu temporanju ta' oggett li gie restitwit tale quale wara ftit sieghat.
Ikkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti gew ipprezentati estratt tac-Certifikat tat-Twelid, il-fedina penali u stqarrija tal-imputat datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Gew ipprezentati ukoll letters to prosecute mahruga minn Connie Azzopardi ghad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u mid-Direttur Generali (Dwana). Gie ipprezentat il-passaport tal-imputat.

L-**Ispettur Rennie Stivala** xehed fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi fl-erbatax (14) ta' Frar ta' din is-sena hu gie infurmat mis-Superjuri tieghu illi kien hemm talba ghall-assistenza minn naha tal-Freeport il-ghaliex kienu qed jallegaw li sehhet serqa. Jghid illi hu nizel fuq il-post fejn iltaqa mad-Direttur tal-Freeport is-Sur Alex Montebello tal-Malta Freeport Terminals Limited u dana spjegalu illi fil-gurnata ta' qabel u jigifieri fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014),

wara nofsinhar kien insteraq xi container minn gol-Freeport. Kien ghadu qed jigi vverifikat mis-sistemi tal-cameras tas-sigurta' li hemm il-mod ta' kif sehh dan minhabba li l-bitha tkopri spazju naqra mdaqqas u bdew jingabru l-filmati.

Jghid illi f'dan l-istadju kien gie infurmat illi kien tghabba container ta' lewn kannella daqs ghoxrin pied fuq trakk b'kabina bajda. Dan tghabba permezz ta' reach stacker li huwa lifter li jdur mal-bitha li jista' jithol taht il-krejnijiet u jghabbi container wiehed. Permezz ta' dan ir-reach stacker tghabba fuq dan it-trakk bil-gabina bajda u deher hiereg mill-gate tal-burdnara tal-Freeport liberament, vuoldieri ma twaqqafx.

Jghid illi mill-filmat jidher illi min tela biex ihaddem dan ir-reach stacker ma kienx awtorizzat li jaghmilha izda kien jaf ihaddem ir-reach stacker. Jghid illi min hadmu seta' sab xi tip ta' diffikulta' u dan ghaliex dan kien wiehed mill-ahhar li zdiedu mal-flotta li ghandhom il-Freeport.

Jghid illi gew mitkellma diversi nies biex jippruvaw jifhmu min kien prezenti u x'sar u ngiebet il-prova tac-CCTV. Infethet ukoll inkesta fejn numru ta' esperti fosthom esperti forensici minn naha tas-SOCO kienu gew mahtura kif ukoll Dr Martin Bajada biex jigbor il-prova tac-CCTV u biex tkun tista' tigi preservata u provduta lill-Qorti.

Jghid illi wiehed mill-Managers Stephen Calleja indika illi l-persuna illi dehret tiela' fuq ir-reach stacker setghat kienet certu Sergio Agius.

Jghid illi jirrizulta illi dan Sergio Agius jahdem il-Freeport ix-xoghol tieghu kurrenti huwa crane operator. Izda fil-passat kien inghata training ta' kif jahdmu dawn ir-reach stackers minhabba li kien xogholu u ghamel ammont ta' snin jahdem bhala xufier tar-reach stackers. Jghid illi irrizulta wkoll illi fit-tnax (12) ta' Frar ta' din is-sena u fit-tlettax (13) ta' Frar ta' din is-sena is-serqa saret fit-tlettax (13) ta' Frar vuoldieri fit-tnax (12) u fit-tlettax (13) ta' din is-sena ta' Frar Sergio kien qieghed fuq sick leave.

Jghid illi irrizulta ukoll illi dan ir-reach stacker illi gie uzat fis-serqa kellu jkun uzat minn persuna li kienet xoghol dakinhar pero' minhabba li dan kien makkinarju gdid, kien talab biex juza iehor u thalla juza iehor.

Jghid illi reach stacker ic-cwievet tieghu l-mod ta' kif jithaddem jistartja jekk jitla' bniedem go fih u jaf ihaddmu jista' jistartjah u joperah m'ghandux bzonn ikun gabar cwievet minn x'imkien. Il-procedura hi li dan ghandu screen u jinqara x-xoghol minn

fuq l-screen, ovjament f'dan il-kaz ma garax hekk u dan ghaliex ic-caqliq ma kienx awtorizzat.

Jghid illi kelmu lil certu Lawrence Farrugia illi xogholu hu Delivery clerk mal-Malta Freeport Terminals Limted. Xogholu huwa gewwa kabina barra mill-gate illi meta jkun diehel trakk b'container fuqu jieqaf ghandu u jaqralu d-dettalji, jaralu d-dettalji u johroglu Job sheet. Meta kien diehel ix-xufier gie identifikat bhala Rokku Agius li qed jittiehdu proceduri fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti diversament presjeduta. Izda dan Lawrence Farrugia gharaf ukoll illi fil-kabina tat-trakk fuq in-naha tal-passigier li tigi x-xufier kien in-naha tieghu u ghalhekk din il-persuna kienet libsa nuccali skur u beritta huwa xorta gharafa bhala Sergio Agius. Jghid illi dan Lawrence Farrugia dak il-hin qal bejnu u bejn ruhu ghaliex mhux ikellimni illum Sergio, u dan ghaliex ilhom jafu lil xulxin.

Illi t-trakk deher hiereg xi tlett kwarti wara u dan minn fuq ic-CCTV cameras. Jghid illi l-clerk ra t-trakk hiereg pero' ma kienx jaf min hemm gewwa fih, gibed l-attenzjoni u minn hemm bdiet l-investigazzjoni.

Jghid illi meta kellem lil Managers waqt l-istharrig fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) Sergio kellu jerga' jidhol xoghol, izda cempel u hada urgent leave. Fl-investigazzjoni gew mitluba wkoll diversi call logs u jidher illi l-imputat sarulu zewg telefonati fit-tlettax (13) u fl-erbatax (14) ta' Frar saru wara nofsinhar bejn l-erbgha u ghaxra (16:10) u l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30) u dawn saru lejn in-nahha tal-Freeport. L-imputat gie mitkellem fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar fejn ikkonferma illi hu jahdem il-Freeport u jahdem bhala crane operator, ikkonferma illi hu kien inghata training biex isuq ir-reach stackers.

Jghid illi gie mitkellem fuq it-tnax (12) u t-tlettax (13) ta' Frar fejn hu stqarr illi kien bis-sick leave u dan qatta' dawn il-jumejn id-dar ma ccaqlaqx. Stqarr ukoll illi l-mobile tieghu bin-numru 99443993 kien qieghed dejjem ghandu bhala mobile u ma silfu lil hadd.

Jghid illi l-imputat inegga li uza xi reach stackers f'dawn l-ahhar hames snin. Jghid illi l-imputat inegga l-fatt illi kien il-Freeport f'dik il-gurnata u meta gie ikkonfermat minn terzi li gharfuh hu qal li kien hemm xi zball.

Jghid illi l-imputat ma jiftakarx irceviex telefonati dak inhar u dak il-persuna li kien qieghed isuq it-trakk jigifieri Rokku Agius, jidher illi huwa burdnar, u jigi z-ziju tal-imputat.

Jghid illi meta marru jarrestaw lill-imputat gewwa d-dar tieghu stess huwa qallhom illi kien qed jistenna li ser jarrestawh ghaliex kien jaf li arrestaw lil parentela tieghu u peress li kien jahdem l-Freeport allura normali jigu jarrestawh. Huwa qallhom li ma jaf b'xejn fuq din il-serqa u li kieku kien jaf kien jghinhom.

Jghid illi l-imputat inghata l-Police Bail u rega' gie mitkellem fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, dakinhar gie mistoqsi dwar il-kontenut tal-container. Il-container naqas fit-tlettax (13) ta' Frar wara nofsinhar u gie misjub lura fil-yard tal-Freeport fl-erbatax (14) ta' Frar ghal xi disgha ta' fil-ghodu.

Illi mill-filmati tac-CCTV irrizulta illi l-container hareg mill-Freeport fit-tlettax (13) ta' Frar fl-erbgha u tnejn u tletin minuta (16:32) ta' wara nofsinhar taht l-ghajnejn ta' diversi Ufficcjali tas-Sigurta' li qed tittiehed azzjoni kontrihom bhalissa fil-Qorti u jerga' jidher diehel l-ghada fl-erbatax (14) ta' Frar fis-sitta neqsin zewg minuti (5:58) ta' filghodu minghajr ma jitwaqqaf, dahal, battal u hareg bit-trakk vojt.

Jghid illi meta kienu infurmati li l-container gie lura dan gie miftuh wara li gie iffotografat minn tas-sezzjoni tal-forensika. Gie miftuh min-naha tad-Dwana fil-prezenza ta' nies rapprezentanti minn kull entita' koncernata u fih ma nstabux sigaretti li kien fih meta nhareg. Jghid illi dan il-container wasal Malta bejn l-ahhar ta' Jannar u bidu ta' Frar. Id-dwana kienet hadmet fuqu billi ghamlet scan u rat li dan kien ippakjat sigaretti. Wara talbet lil Freeport inizzluh mal-art il-ghaliex xtaqu jaghmlu physical check ta' dan il-container u dan meta nfetah irrizulta li kien mimli bis-sigaretti li tad-dwana tikkalkula li kien fih madwar erba' mija u hamsin (450) master case illi kull wahda tkun tesa hamsin (50) grossa sigaretti. Meta fethuh irrizulta illi ghalkemm kien dikjarat sempliciment bhala Empire Cigarettes kienu Empire Royals u minhabba l-fatt li kien uzat l-isem Royals id-Dwana susspettat li dahlu tas-sezzjoni tal-IPR tad-Dwana u d-Dwana xtaqet tara jekk ir-right holder representative tar-Royals hawn Malta li huwa avukat, jixtieqx jibda proceduri kontra l-kontenut ta' dak il-container u kontra min gabu.

Ittiehed sample u inghadda lir-right holder representative. Sakemm saru dawn il-proceduri, inghalaq bis-sigill tas-CMA CGM li kienu l-operaturi tal-kontenut tal-container u dan thalla f'zona fil-Freeport sakemm tinghata risposta.

Jghid illi insteraq sakemm kien ghadu qed jistenna, jghid illi huma l-pulizija ma kienux infurmati fuq kwistjoni ta' IPR il-ghaliex l-ewwel il-procedura hija li tigi lura r-risposta tar-right holder representative x'ser jaghmel. Is-soltu l-procedura tkun li jew jittiehdu passi civili jew javzaw lil pulizija, ovjament ma lahaqx gara hekk ghaliex insteraq u minflok fih tpoggew sitt (6) tankijiet tal-elf (1000) litru.

In kontro-ezami qal li hu qieghed jghid dak biss li gara mic-CCTV cameras. Jghid illi meta nfetah il-container, meta sabuh informawhom li qieghed hemm u nizluh hemmhekk, nfetah u minflok sigaretti li kien fih il-physical check sabu sitt (6) tankijiet tal-ilma bojod tal-elf (1000).

Kompla jixhed li l-imputat gie mistoqsi dwar is-sigaretti u dan qal li ma jaf xejn. Jghid illi mit-tieni stqarrija li rilaxxa Sergio fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar li qieghda fil-process u qieghed jgharafa, hemm il-firma tieghu, ta' PC723 Dorianne Tanti u l-firma ta' l-imputat. Sergio Agius irrilaxxja stqarrija ohra fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) fejn fuqha qed jaghraf il-firma tieghu, il-firma ta' PC723 Dorianne Tanti u l-firma tal-imputat formanti parti tlett faccati, li qed jipprezenta bhala **DOK SR1.**

Jghid illi l-imputat gie offrut il-jedd tal-parir legali, liema dritt hu ghazel li ma jibbenefikax minnu fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fil-fatt iffirma r-rifjut tieghu, fejn fuqu qed jgharaf il-firma tieghu, il-firma ta' Sergio Agius u l-firma ta' WPC256 Leanne Sant u l-firma ta' PC723 Dorianne Tanti, dan qieghed jigi prezentat bhala **DOK SR2.**

In kontro-ezami jghid illi hemm madwar 140 camera madwar il-Freeport kollu illi jikopru l-maggoranza tal-bitha, it-triq u l-gate.

Jghid illi CCTV tkopri l-container, izda jidher it-trakk diehel bil-container. Il-Pulizija jghid illi ghamlu search, dakinhar li nsab il-container, nstab fl-erbatax (14) ta' Frar fid-disa' ta' filghodu (9:00) nzamm taht osservazzjoni minn Ufficjal tal-Freeport sakem huma kienu qed jaraw xi affarijiet imbaghad infetah wara nofsinhar.

Jghid illi rigward ir-radios ta' fejn dehru li saru t-telefonati, irid ikun rapprezentant tal-vodafone li jikkonferma ezatt dwar dan. Jghid illi l-container dahal il-Freeport l-ewwel darba fit-tletin (30) ta' Jannar, it-tnejn (2) ta' Frar bejn wiehed u iehor.

Jghid illi l-container telaq in-North African Shipping Lines, jghid illi bl-amment ma jiftakarhomx kollha. Jghid illi kien iddikjarat minn North African Shipping Lines, gej minn Saudi minn x'imkien Arabia mis-Saudi Arabia, jigi hawn Malta transshipment biex imur il-Libja.

Jghid illi is-CMA CGM il-valur iddikjarat lilhom kien ta' sitta u sittin elf (66,000) u xi haga US Dollars. U dan il-valur iddikjarat mis-Shipper mhux mid-dwana tal-Malta.

Il-container sussegwentemnt infetah fil-hamsa (5) jew sitta (6) ta' Frar. Jghid illi hu ma kienx prezenti meta kien infetah il-container originarjament mid-dwana. Il-container ma giex zvojtat kollu. Jghid illi meta nfetah il-container sabu illi seta' kien hemm xi IPR Infringements dana inghalaq b'sigill tad-dwana u b'sigill ta' CMA CGM u gie ddikjarat bhala, mill-Container Monitoring Unit tad-dwana gie ddikjarat on hold sakemm ikollhom risposta. On hold tfisser li qabel mad-dwana terga' tghaddi clearence u tibdel dak l-istatus il-container ma jistghax la jerga' jigi shipped u lanqas johrog mill-Freeport. Jghid li on hold ghax qed jistenew risposta jekk issirx investigazzjoni ulterjuri, qed issir investigazzjoni amministrattiva.

Il-container infetah fizikament fil-hamsa (5) jew sitta (6) ta' Frar ta' din is-sena u insteraq fit-tlettax (13) ta' Frar. Jigifieri hemm seba' (7) t'ijiem differenza. Jghid il-container kien ilu on hold sebat' (7) ijiem. Il-Pulizija ma waqfuhx huwa u diehel, jghid li l-container dahal fil-Freeport kif turi s-CCTV. Il-Pulizija ma kienux infurmati ghadhom meta dahal il-container. Il-Pulizija gew infurmati fl-erbatax (14) ta' Frar ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu (11:30am). Ma jidhirx li gie mwaqqaf. Il-Pulizija ma tistax twaqqfu. Jidher li l-container dahal lura filghodu, fis-sitta ta' filghodu (6:00am) mis-CCTV tal-erbatax (14) ta' Frar u nfetah ghal xil-hamsa ta' wara nofsinhar (5:00pm) tal-istess gurnata. Gie iccekjat fit-tnejn (2) jew tlieta (3) fejn saret l-iscan. L-iscan uriet li l-kontenut huwa omologu jigifieri tal-istess haga, kien ghalhekk li ma nhassx il-bzonn li jinhatt kollu fil-hamsa (5) jew sitta (6) ta' Frar. Wara dan d-darba ta' wara li rawh miftuh kien fl-erbatax (14) ta' Frar. Mistoqsi jekk iccaqlaqx, wiegeb li milli

spjegawlu ccaqlaq fl-isess area li kien mizmum minhabba li dawk li jkunu on board tad-dwana jinzammu f'certu stacks partikolari li huma reachable ghal sudden inspection.

Iccaqlaq fihom xi darbtejn jew tlieta u kien spjegat ic-caqlieq tieghu *for practical reasons*. Sa fejn jafu huma r-responsabilta' tal-container kienet tal-Freeport Terminals. Ma huwx infurmat jekk is-sid tal-container ghamilx claim jew le mal-kumpanija li bghatitu barra u dik ghad irid ikun hemm risposta mir-rapprezentant tac-CMA CGM. Jghid illi jrid jispjega illi l-agreement li hemm bejn CMA u l-Freeport huwa illi ovvjament sakemm ikunu fi hwejjighom huma responsabbli tal-affarijiet u diment li naqas lill-Freeport kienu s-sidien temporanji tieghu huma ghandhom l-obbligu li jaghmlu claim u hekk ghamlu. Jghid li infurmat kif xehdu f'Qorti ohra li s-CMA bdiet provediment kontra l-Freeport Terminals. Ikkonferma li CMA qalet li hi s'issa ma tiflet xejn hlief loss of face.

Lill-imputat arrestah darba u inghata police bail u rega gie hu. Jghid illi hu fil-filmati li ghandu m'gharfux lil Sergio Agius. Jghid illi kien hemm zewg min-nies illi gharfu lil Sergio Agius, wiehed minnhom kien l-Manager Stephen Calleja li kien qed jivvizwalizza xi CCTV fuq l-ordnijiet li inghatawlu mis-superjuri tieghu biex jaraw min kien involut fiha u deherlu li qed jaghraf lil Sergio Agius fis-CCTV waqt li qed jitla' jhaddem ir-reach stacker.

Jghid illi kien hemm persuna ohra wkoll illi xehdet li x-xhieda ttiehdet bil-gurament u ser tigi prezentata wkoll illi xehdet li Sergio Agius ghadda minn quddiemu waqt li t-trakk kien diehel fit-tlettax (13) ta' Frar meta dahal ibattal il-vojt u nofs siegha wara hareg bil-container mill-istess camera. Ikkonferma li din il-persuna qaltlu li fl-ebda hin ma din il-persuna kellmitu jew hu kellimha, anzi qal li kien qed ihares lejn in-naha l-ohra jipprova jevita l-hars il-kuntatt dirett ma' ghajnejh biex ma jarahx.

**Paul Dimech** xehed fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi qed jigi muri dokument esebit fl-atti a fol 16, mid-Direttur Generali Joseph Brincat ghan-nom tad-Dipartiment tad-Dwana u jghid illi din hija l-firma tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tad-Dwana. Jghid illi hu jahdem bhala Inspector Legal Section.

**Paul Scicluna** xehed fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jahdem legal officer tal-VAT Department. Jghid illi qieghed jara d-dokumenti esebiti u cioe' dokument RS4 a fol 15 mahruga mill-Ministeru ghall-Finanzi. Jghid illi l-fatt dina l-letter to prosecute mahruga minn Connie Azzopardi ghad-Direttur Generali u jghid li hija l-firma taghha.

**Stephen Calleja** xehed ukoll fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta' Operations Manager gewwa l-Malta Freeport Terminals. Jikkonferma li kien minnu li l-Pulizija kienet baghtet ghalih in konnessjoni ma' investigazzjoni li sehhet gewwa l-Freeport in konnessjoni ma' kaz li sehh bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Is-supervisor John Mercieca infurmah li kien hemm trakk abjad li kien qed jghabbi container u kien hemm Reed Stacker li huwa tip ta' equipment li ghabba t-trakk bil-container in kwistjoni.

Jghid illi l-informazzjoni li kellu hu li kien trakk abjad. Qallu wkoll li kien informa l-Yard Supervisor sabiex jaghmel tfittxija sabiex jara jsibx dan it-trakk u s-Supervisor dakinhar kien Claude Borg u kien ukoll informa lid-Delivery Clerk Lawrence Farrugia sabiex jinfurmah li jekk dan it-trakk kien se johrog ma kellux ihallieh johrog mill-gate. Jghid illi lil John Mercieca qallu sabiex jinforma lid-Duty Manager dak li kien qed jigi rapportat lilu u dan ghaliex hu kien responsabbli ghal xi presentation li kellha ssir dakinhar. Jghid illi hu prova jcempel lid-direttur direttament u cioe' lil Alex Montebello pero' dan ma wegbux, dahal ghal presentation u appena hareg mill-presentantion kellem mill-ewwel lid-Duty Manager Oliver Tanti biex jara jekk kienx infurmat mis-Supervisor John Mercieca b'dak li allegatament kien gie rapportat lilu u Oliver Tanti ikkonfermalu li effettivament John Mercieca kien tkellem mieghu u qallu ukoll li huwa kien informa lil Adrian Mallia li huwa d-Duty Manager responsabbli b'dak li kien gara.

Jghid illi hu effettivament kien talab lil John Mercieca sabiex jirrilaxxalu statement ukoll b'dak li kien gie rapportat u staqsih jekk effettivament kienx ghamlu. Hu qallu li kien qieghed ghandu sabiex jikkonkludih. Sussegwentement jaf li ghamel dan l-istatement u kopja tieghu intbaghatet lid-Duty Manager.

Jghid illi jaf lid-Duty Manager kien baghat messagg lilu, l-Alex Montebello u l-Adrian Mallia. Izda minn diskursata li hu kellu mad-Duty Manager kienu ftehmu li kienu ha

jkomplu jaghmlu tfittixja ghal dan it-trakk u cioe′ ghall- container li kien mitluf u ghalhekk l-ghada filghodu fl-erbatax (14) ta′ Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu informa lil Martin Darmanin li huwa l-persuna responsabbli mill-cameras tas-sigurta′ li jinsabu gewwa l-Freeport u dana sabiex jara jekk isibux xi footage ta′ dan it-trakk.

Jghid illi ghall-habta tat-tmienja u nofs ta′ filghodu dahlu l-Yard Clerks, Yard Inventory Clerks u dan kien fl-erbatax (14) ghall-habta tat-tmienja u nofs ta′ filghodu u qalulhom kienu sabu l-container gewwa location D93 tal-istess Freeport u cioe′ instab fl-location differenti minn fejn originarjament kien. Jghid illi hu minnufih baghat messagg lil Alex Montebello fejn qallu li l-container kien instab u qallu li l-kwistjoni kienet f′idejh u kien qed jiehu hsiebha hu.

Jghid illi kif tela′ l-ufficcju Michael Darmanin, li huwa l-persuna responsabbli tal-cameras tas-sigurta′ tal-Freeport, jghid illi hu kellu filmati relattivi ghal din is-sejba. Jghid illi hu informa lil Alex Montebello li kellu dawn il-filmati u wiegbu Jesmond Baldacchino li huwa l-I.T Manager u qallu li kien hemm persuni ohrajn li qeghdin jaraw il-filmati biex jaraw x′kienu ser jaghmlu u filfatt qallu biex jidhol maghhom biex ma jahlux l-energija. Jghid illi hu rahom dawn il-filmati fit-tmintax (18) ta′ Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) flimkien ma dan Jesmond u bil-mod kif beda jara l-karnaggion tal-individwu u mill-mixja tieghu dehrlu li seta′ kien Sergio Agius li fil-fatt huwa l-imputat odjern. Huwa operator il-Freeport. Jghid li l-filmati in kiwstjoni jinsabu ghand id-Direttur tieghu Alex Montebello.

**Lawrence Farrugia** xehed fil-hamsa u ghoxrin (25) ta′ April tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jahdem bhala delivery clerk gewwa l-Malta Freeport u kien qed jahdem bhala delivery clerk, jahdem fil-kamra tal-mimli u cioe hija kamra full length min fejn idahlu t-trakkijiet. Jghid li ghal habta tat-tlieta u nofs ta′ wara nofsinhar (3:30pm) kien trakk numru 90 li kien qed jigi misjuq min persuna maghrufa bil-laqam ta′ Rokky. U dan tah pass tal-container vojt bil-ghan li jhottu gol-Freeport.

Jghid illi hu processa l-pass kif jaghmel normalment u tah l-karti lura kif jindika li huwa jkun jista' jhott il-container gewwa l-freeport. Waqt li kien qed jiprocessa din il-karta innota li fil-gabbina kien hemm persuna ohra li kienet libsa beritta skura u nuccali tax-xemx iswed, u mix-xebh tieghu kien jidirlu li dan kien Sergio Agius l-imputat.

Jghid illi ghalhekk hu jaf min hu Sergio ghaliex jahdem il-Freeport ukoll dakinhar deher qisu ma riedx kliem u beda jdawwar wiccu. Jghid illi hu pero' ma tax kas u baqa' jiccajta ma' Rokky u anke urih ritratt li kellu fuq il-mobile u fil-fatt ironikament qallu li huwa ma jarax issuq wisq inqas ser jara n-nies fuq il-mobile. Jghid illi mbaghad qallu biex jaghtih il-karti ghaliex kien mghaggel.

Jghid illi hu tah il-karti u telaq min hdejh u hu kompla bix-xoghol. Jghid illi dan il-process ma jdumx, minuta jew inqas.

Jghid illi ghall-habta ta' l-erbgha (4:00) jew l-erbgha u nofs (4:30) tal-istess jum ircievha telefonata minghand John Mercieca li jigi l-Equipment Control Supervisor gewwa l-Freeport. Fejn huwa kien ircieva rapport minghand l-RTG 75 fejn dan qallhom li kien ra lis-stucker 67 jghabbi kaxxa mill-XD 49. Jghid illi dak il-hin talbu n-numru tal-container biex ikun jaf ezattament fuq x'hiex qieghed ikellmu u skond l-informazzjoni li telghat fuq il-kompjuter dan il-container qatt ma kellu jitabba' fuq l-ebda trakk u dan ghaliex kien mizmum mid-Dwana bir-rimarka CMU hold. Jghid illi hu dak il-hin waqt li kien qieghed ikellem lis-Sur John Mercieca ra container tiela' minn barra t-triq tal-Freeport u dan bil-prefix Temu, dan ifisser li jkun diga hareg minn gol-gate u jkun ghadda mid-Dwana ukoll. Dak il-hin telaq it-telefon u hareg isaffar biex it-trakk jieqaf izda baqa' sejjer. Jghid illi min kien qieghed isuq dan it-trakk izda ma jafx, pero' dan indikah bhala Trakk number 90 u kien abjad u kellu tberfila blue.

Jghid illi dak il-hin tela lura lejn il-gate u x'hin nizel saqsa lis-securities jekk huma dak il-hin rawx xi container bil-prefix Temu jew trakk abjad hiereg mill-gate u huma wegbuh li dak il-hin ma kien hareg xejn. Jghid illi dak il-hin kien hemm persuna maghrufa bl-isem ta' Sandro izda ma jafx kunjomu fuq in-naha tal-Out. Jghid ukoll li kien hemm persuna ohra bl-isem ta' Michael fuq in-naha tan-nofs u n-naha ta' gewwa u security iehor li ma tax kas min kien dak il-hin u kien hemm Mario Zammit li beda jistaqsih fuq it-Temu.

Jghid illi Mario Zammit fil-fatt huwa Chief Security tas-Securities. Hu wiegbu li kienu cemplulu min fuq u bdew isaqsuh propju fuq dan il-container. Jghid illi dak il-hin ma ra l-ebda ghajnuna min naha tas-securities u mar ifittex il-passes tal-Gate Out sabiex jara jsibux il-Container bil-prefix Temu.

Jghid illi waqt li kien qed iffittex fil-passes gie Michael jghinu u li sabu li kien hemm erbgha (4) jew hamsa (5) pero' kellhom hin indikat ferm differenti min dan li gara l-kas.

Jghid ukoll illi waqt li kien qieghed iffittex jaf li dahlet persuna bl-isem ta' Carol, kien senior jew Assistant senior u dana gie ordnat sabiex jaghmel rapport. Carol xtaq ikellem lil RTG 75 u hu offrielu li seta' jmur jkellmu min fuq il-VHF li hemm fuq fl-ufficju tieghu. Jghid li x'hin tela' huma ghajtu lil operator tal-RTG 75 u saqsieh x'dak li kien ra. Jghid illi dan kien qallilhom illi kien ra lis-stucker 67 jghabbi container mill-XC49 2 Bravo fuq trakk ta' burdnar b'gabiena bajda.

Jghid illi saqsew lil operator jekk kienx jaf id-daqs jew il-kulur tal-karru jew tat-trakk u qalilhom li l-karru kien wiehed tal-ghoxrin (20) u kien skur u t-trakk tal-burdnar kien abjad. Pero' ma kienx f'pozizzjoni li jaghtina aktar informazzjoni minhabba li huwa jahdem fl-gholi u ma kienx jista jara sew. Jghid illi dak il-hin ma setghax jghid l-konversazzjoni bejnhom u l-operator baqghatx fuq ir-radio jew fuq it-telefon ghax f'hin minnhom jaf li Mario saqsieh jekk kienx secure channel, Carol saqsieh jekk kienx secure channel u wiegbu le u tawh in-numru tal-mobile u komplew bl-konverzazzjoni fuq it-telefon. Jghid illi wara li iccekja li spiccaw rega iccekja l-container fis-sistema biex ikun mija fil-mija cert illi l-container li beda jisemma kellux jitghabba jew le u dak il-hin dar fuq Carol u saqsieh biex icempel lil Control Room u l-Control Room wegbuh li dak il-hin tal-kaz ma hareg l-ebda container mill-Freeport.

Jghid illi mbaghad kompla bix-xoghol u ghall-habta tas-sitta (6:00), wara li kien ghalaq l-ufficju, hu niezel kif jaghmel is-soltu bid-dokumenti lejn il-gate u staqsih jekk kienx ghamlu rapport u qaluli li kien ghadhom qed jaghmluh. Jghid illi baqghu jinsistu mieghu li minn gol-gate ma hareg l-ebda container. Imbaghad hu saqsihom allura min kien saq il-lifter, ma ha l-ebda risposta u telaq lejn id-dar.

Jghid illi fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu kien deployed morning shift, kien xoghol fis-sitta ta' filghodu (6:00am) sas-saghtejn ta' wara nofsinhar (2:00pm) u ghall-habta tas-sitta nieqes ghaxra ta' filghodu waqt li hu kien ippalmja biex jidhol fil-karozza u jmur lejn it-terminals innota li kien hemm karozza ta' certu Mario Zammit li kien hemm ma' Carol. Jghid illi hu rikeb fil-karozza tieghu

u telaq lejn it-terminal. Jghid illi hu u sejjer ghac-cwievet tal-ufficju innota li kien gej trakk b'velocita' kbira minn got-triq ta' barra l-Freeport fejn dan waqaf mal-gate u baqa' diehel b'velocita' qawwija. Jghid illi hu baqa diehel l-ufficju, gabar ic-cwievet tieghu minn gol-locker, gabar id-dokumenti u telaq lejn l-ufficju tieghu.

Jghid illi aktar tard meta beda jisbah giet persuna maghrufa bhala karmnu li jigi hu Rokky fejn dahal gol kamra u pogga fuq il-mejda, jdejh fuq il-mejda u staqsih jekk iridx li Rokky jmur ikellmu. U dak il-hin qallu li ma kellux alfejn ikellmu u dak il-hin rega qallu li ma kienx jaf fuq xiex qieghed ikellmu u dak il-hin telaq il-barra min gol-kamra u hu mit-tieqa qallu li ma jafx ghalfejn irid ikellmu. Jghid illi l-iehor qallu li hu kellmu sabiex ma jispiccax hazin. Jghid illi ghalhekk hu dak il-kliem hadu bhala twissija ta' theddid.

Jghid illi ma jafx min kien hemm mal-gate meta dahal dan it-trakk b'velocita' qawwija. Jghid illi effetivament hu kien gie mitkellem mill-Pulizija xi erbat' (4) ijiem wara li gara l-kaz. Jghid illi effetivament hu kien tkellem u rrilaxxa stqarrija mal-pulizija.

In kontro-ezami qal illi hu qatt ma ghamel rapport lil pulizija, jghid illi hu ghamel rapport biss lis-securities, imbaghad f'idejn is-securities jekk iridux imexxu l-kaz jew le u jghid li din hija l-procedura normali taghhom li javzaw lis-superjuri taghhom. Xehed ukoll li '*Huwa minnu jiena lill-pulizija m'ghamiltilhomx zveljat dak li ghidt illum il-Qorti meta gejt arrestat*'.

**Alex Montebello** xehed fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta' Direttur Operations tal-Freeport. Jghid illi jiftakar li fit-tlettax ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (8:00pm) kien gie infurmat mid-Duty Manager li kien hemm container nieqes fil-Freeport. Jghid illi minnufih hu informa lis-Security Services taghhom li huma gestiti mill-Malta Freeport Corporation li hija l-Awtorita' tal-Port Hieles u dana sabiex izommu aktar tensjoni mis-soltu peress li kien hemm dan il-container li ma kienux jafu x'sar minnu. Jghid illi sar ukoll kuntatt mal-IT manager taghhom sabiex janalizzaw mill-ewwel is-CCTV footage kollu sa wara nofsinhar u dan sabiex jipruvaw jiddentifakaw ezatt x'kien gara in rigward ta' dan l-istess container l-ghada fil-ghodu u cioe' fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-IT manager kien infurmah li hemm recordings li juru l-moviment ta' dan il-container mill-pozizzjoni fejn kien originali u

dan l-istess container hiereg mill-gate u li dan kien *transshipment container* u ghalhekk tali container qatt ma kellu johrog mill-gate. Transshipment tfisser illi dan kien inhatt minn vapur u kellu jigi mghobbi fuq vapur iehor fl-istess Freeport Terminal.

Jghid illi fuq dan il-container kien hemm customs hold ghaliex jrid jigi spezzjonat aktar minn naha tad-Dwana. Jghid illi dan ifisser illi dan l-istess container lanqas biss seta' jigi mghobbi fuq vapur iehor qabel jigi klirjat mill-customs container u ghalhekk infurmaw lil pulizija minnufih. Jghid illi meta raw il-footage fuq ic-CCTV deher car li kien hemm abbuz fuq dan il-container u ghalhekk kienu infurmaw lil Pulizija mal-ewwel. Jghid illi hu kien ra c-CCTV cameras flimkien ma' Jesmond Baldacchino li huwa l-IT Manager. Jghid illi jaf li l-Pulizija bdiet l-investigazzjoni taghha u baghtu ghall-diversi nies li jidhru fil-filmati.

Jghid li hu ma kienx wahdu izda bl-ghajnuna tal-Managers indika xi nies li dehru fil-filmati. Jghid illi li osserva b'mod partikolari wkoll illi RTG operator kien innota reach setter jidhol f'area fejn suppost qed jopera l-containers hu u jaqbad dan il-container partikolari u jghabbih fuq trakk ta' burdnar. Jghid illi din kienet xi haga li gibdet l-attenzjoni taghhom u infurmaw lil l-Pulizija wkoll dwar dan u jghid illi wkoll din hija back up bic-CCTV footage li huma ipprezentaw fl-atti tal-inkjesta. Jghid illi bhala Malta Freeport Terminals huma ma jkunux jafu l-kontenut tal-container. Jghid illi l-container kien tas-CMACGM u dan il-container huwa rapprezentat minn Carmelo Caruana hawn Malta. Jghid illi huma bhala Malta Freeport Terminals kellhom r-responsabilita' ta' dan il-container ghax kien fid-depositu taghhom. Jghid illi hu kien involut f'din l-inkjesta minhabba l-kariga tieghu.

**Adrian Mallia** xehed fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta' Operations Manager gewwa l-Freeport. Jghid illi hu jahdem b'sistema fejn ikunu on duty erbgha u ghoxrin (24) siegha. Jiftakar illi nhar it-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu kien telaq diga' mix-xoghol meta waqt li kien f'ikla ma shabu tax-xoghol kien cempillu d-duty manager li kien ikun responsabbli dak il-hin certu Oliver Tanti u qallu li kien hemm RTG operator li kien qallu li kien hemm xi hadd li ghabba container fuq trakk ta' burdnar. Jghid illi hu zamm kuntatt ma' Oliver li kien ghadu fuq ix-xoghol u kien jaf b'dan u qallu wkoll li kien informa lid-Direttur Alex Montebello.

Jghid illi rega' ghamel komuniki maghhom biex jara jekk kienx hemm aktar informazzjoni dwar il-moviment ta' dan il-container pero' ma kienx hemm informazzjoni. Jghid illi hu kien accerta ruhu ghaliex is-Security tal-Freeport kienu qallu illi ma raw l-ebda container hiereg mill-Freeport u fil-fatt dana jafu ghaliex kien qallu Oliver Tanti stess li kien tkellem mas-Security tal-Freeport, izda hu ma jafx ma' min tkellem. Jghid illi l-ghada imbaghad fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) meta wasal ix-xoghol sar jaf li kien hemm zviluppi differenti u cioe' li l-container kien effetivament hareg mill-Freeport. Jghid illi hu kien hemmhekk ghall-habta tas-7:15 ta' filghodu u l-Freeport kulhadd kien qieghed jitkellem fuq l-istess haga.

**Oliver Tanti** xehed fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta' Duty Manager mal-Malta Freeport Terminal Limited. Jiftakar li dakinhar hu kien duty *evening shift* b'hekk ix-shift tieghu jibda fis-saghtejn (14:00) ta' wara nofsinhar u jispicca fl-gharxa (22:00) ta' bil-lejl tal-istess jum. Jghid illi wiehed mill-Yard Supervisors kien gibidlu l-attenzjoni illi li kien operator ta' RGD li kien irrapporta illi kien hemm container li kien gie handiljat b'equipment iehor meta setgha jahdmu hu ghaliex ma kellux xoghol x'jaghmel. Jghid illi huma investigaw il-claim u meta staqsew ghal container number huwa kien iddentifikaw in-numru ta' dan il-container u rrizulta illi dan kien container mizmum mid-dwana ta' Malta u ghalhekk suppost kellu jigi mahdum jew jinqabad b'tip ta' equipment. Jghid illi dak il-hin ta' istruzzjonijiet lill-Yard Supervisor biex ifittxu fit-Terminal kollu dwar il-moviment ta' dan l-istess container. Jghid li l-Yard Supervisor dakinhar kien Claude Borg. Jghid ukoll illi l-container ma nstabx, rega' intervista lil operator Albert Aquilina fejn hu rega' irrepeta l-container number, iddentifika l-equipment li mar vicin tieghu biex jaqbdu u poggieh fuq trakk abjad u qallu wkoll illi t-trakk baqa' jipprocedi lejn il-gate u hareg barra l-gate. Jghid illi dak il-hin hu avza lis-Security biex jintervjeni u dan sabiex jinvestigaw jekk effettivament kienx veru li dan il-container hareg barra mill-gate.

Jghid li jekk mhux sejjer zball is-security dakinhar kien Carol Pisani u Michael Sciberras u dawn qalulu illi mill-investigazzjoni li ghamlu huma ma rrizultax li effettivament dan il-container hareg mill-gate.

Jghid illi bl-ezatt ma jafx jghid kemm ikun hemm Security tal-ghassa f'shift wiehed pero' ikun hemm ammont konsiderevoli. Hdejn il-gate tal-burdnara dejjem ikun hemm bejn erba' (4) u hames (5) securities. Fl-14 ta' Frar suppost ma kienx xoghol kien jerga' jmissu bil-lejl. Jghid illi hu ha interess peress li kien kaz uniku u rrizulta li l-container kien instab fil-bitha filghodu. Jghid illi hu kien gie infurmat b'dan minghand Adrian Mallia li kien id-duty manager ta' dakinhar. Jghid illi hu ma kellux aktar involviment pero' kien avza lid-Direttur tieghu Alex Montebello biex jipprocedi hu mal-Pulizija.

**John Mercieca** xehed fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jahdem il-Malta Freeport fil-kariga tieghu ta' Equipment u Control Supervisor. Jghid illi hu fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) kien xoghol wara nofsinhar u cioe' dahal ghax-xoghol fis-saghtejn u nofs (14:30) u jispicca fl-ghaxra u nofs (22:30) ta' bil-lejl. Jaf dakinhar kien sehh xi haga mhux tas-soltu fil-Freeport u jghid li Operator tal-krenijiet li jahdem fil-bitha effetivament kien informa lill-iskrivan tieghu li kien qed jigi mghobbi container fuq trakk abjad.

Jghid illi huma jahdmu b'sistema kompjuterizzata, ghalhekk fuq is-sistema taghhom jitla' in-numru tal-container. L-Operator ikun jista' jarah jaghzel dak l-istess container skond in-numru imbaghad jghabbieh fuq it-trakk. Jghid illi l-messaggi jigu generati minn dipartiment partikolari u hija sistema awtomatika.

Jghid illi wara huma talbu lill-Operator biex jaghtihom in-numru ta' dan il-container li kien qed jitghabba. Jghid illi hu informa lid-Domestic Clerk li huwa koncernat li jismu Lawrence Farrugia dan il-container kien on hold u jigifieri li mhux suppost jitghabba u ghalhekk hu informa lis-Shift Leader tal-bitha, s-Supervisor Claude Borg b'dak l-informazzjoni u cioe' li kien qed jitghabba container li ma kellux jitghabba. Dana sabiex huwa jmur *on the spot* u jivverifika dak li kien qed isehh.

Jghid illi effettivament dana kien allegattament fuq in-naha l-ohra tal-moll pero' jaf li mar fuq il-post. Jghid illi huwa ma ra xejn, ghadda minn quddiem il-canteen u sab illi l-lifter kien ipparkjat quddiem il-canteen. Jghid illi dan il-lifter gie identifikat l-istess ghaliex l-operator li kien fuq il-krejn vicin din l-azzjoni kien qalilhom in-numru tal-lifter li kien numru sebgha u sittin (67).

Jghid illi dak il-hin id-Domestic Clerk cempillu u qallu li dan il-container mhux suppost jitghabba u mhux suppost johrog u ghalhekk kien se jcempel lis-Security u dan sabiex jigi iffukat aktar dan il-container. Jghid illi ghalhekk informa lill-Manager tieghu Stephen Calleja, talbu ghad-direzzjoni fis-sens jekk ma kienx hemm xi haga ohra li seta' jaghmel u qallu biex jinforma lid-Duty Manager Oliver Tanti u aktar tard intalab biex jibghat email kemm lilu, lil Stephen Calleja u lil Oliver Tanti b'dak li kien gara.

Jghid illi dakinhar Oliver Tanti kien talbu r-rapport. Hu ghalhekk baghat email sabiex kollox ikun kif suppost u fl-ghaxra u nofs (10:30) ippancja u telaq lejn id-dar. Jghid li l-ghada jekk mhux sejjer zball kien imissu day shift. Jghid illi dahal ghax-xoghol fis-sitta u nofs (6:30am) ta' filghodu u jitlaq fis-saghtejn u nofs (14:30). Dakinhar hu kien tkellem ma' Stephen u qallu biex jieqaf hemm ghaliex kien hemm il-Pulizija involuta fl-investigazzjoni. Jghid illi hu ma baghat xejn aktar hlief email li semma aktar kmieni fix-xhieda tieghu.

**Claude Borg** xehed fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta' Supervisor gewwa l-Freeport. Jghid illi effetivament dakinhar tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) kien xoghol, jghid li dahal xoghol fis-saghtejn (2:00pm) ta' wara nofsinhar u spicca s-shift fl- ghaxra u nofs (10:30pm) ta' bil-lejl. Jghid li hu jkollu hafna kommuniki ma' John Mercieca li huwa d-Duty Manager.

Jghid illi dakinhar meta kien cempilu John Mercieca hu kien qieghed fit-terminal 2 fl-M. Id-Duty Manager tieghu huwa Oliver Tanti u hu l-iktar li jkollu komuniki mieghu hu ma' Oliver Tanti u John Mercieca. Jiftakar li dakinhar ghall-habta tal-erbgha u nofs (4:30pm), il-hamsa neqsin kwart (4:45pm) ta' wara nofsinhar ircievha messagg bir-radio minghand John Mercieca fis-sens li jitkellmu fuq din is-sistema u qallu li kien gie nfurmat minn xi Operator ta' krejn illi allegatament kien hemm xi lifter li gie u ghabba xi container u qallu sabiex jivverifika jekk effettivament kienx regolari.

Jghid illi hu skond it-terminu dak il-hin qabad u telaq u mar fuq il-post u jekk mhux sejjer zball mar l-XD Terminal One. Dahal taht l-RTG li huwa l-krejn u l-operator qallu li kien dahal lifter numru 67, ghabba container fuq trakk u telaq 'l hemm. Jghid illi

dakinhar kien qieghed jikkomunika ma' John Mercieca kif ukoll mal-Operator imbaghad tawh l-container number u prova jfittxu fl-istakk li kellhom. Pero' dan il-container ma nstabx.

Jghid illi l-unika haga li inghata fuq il-container kienet in-numru tieghu, imbaghad mar jara sabiex almenu l-lifter 67 kienx ghaddej pero' l-lifter kien ipparkjat quddiem il-canteen. Imbaghad hareg sabiex jara forsi kienx hemm l-Operator ta' dan il-lifter pero' ma sabux.

Jghid illi hu wara r-rapporta lid-Duty Manager tieghu Oliver Tanti b'dak li irrizultalu u baqaw jaraw u jinvestigaw ulterjorment. Sakemm telaq mix-xoghol fl-ghaxra u nofs ta' bil-lejl (10:30pm) baqaw ifittxu l-container u ghaliex gieli jsiru restores fis-sens li l-containers jiccaqalqu minn fejn ikunu izda hu iccekja mal-planning taghhom izda l-container baqa' ma nstabx.

**Martin Darmanin** xehed fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jahdem il-Freeport bhala Queries Supervisor. Jiftakar illi fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) kien ircieva telefonata minghand Stephen Calleja l-Operations Manager fejn kien talbu sabiex jara xi clips mehuda bil-video tal-parking area tal-lifters kif ukoll xi video clips tal-main gate. Dan b'mod partikolari sabiex jara il-lifter numru 67 kienx iccaqqlaq mill-parking area.

Jghid illi hu rahhom dawn il-video clips u nnota illi l-lifter number 67 kien ipparkjat. Jghid li xi hadd tela' go fih pero' ma setghax jiddentifika l-persuna, kien qed jinnavika fis-switch board tieghu u mbaghad saq u telaq. Jghid li suppost il-lifter 67 ma kienx in operation u minn dak li setgha jara hu dehrlu li l-persuna li dahlet fuq il-lifter ma tantx kienet imdorrija tuzahom.

Jghid illi fit-tieni video clip li ra, kien tal-Main Gate u jaghti attenzjoni jekk kienx hemm xi trakk abjad ta' burdnar hiereg u jghid li iva fil-video kien hemm fejn dan it-trakk kien deher jitla' mir-road way ghall-main gate u waqaf hdejn l-office tad-dwana u wara ftit hareg il-barra minn gol-gate.

Jghid illi t-trakk irrizulta li ma kienx wiehed minn tal-Freeport u li kellu kabina bajda. Jghid illi fuq il-container kien gie moghti n-numru. Jghid illi hu ra lit-trakk kellu container fuqu pero' ma setghax jiddentifika n-numru tal-container. Jghid illi dawn il-filmati rrekordjahom fuq DVD u tah lil Stephen Calleja l-Operations Manager.

**Marisa Gauci** xehdet fil-hamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014). Tghid illi hi qieghda tixhed ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Vodafone. Tghid illi l-mobile number 99443993 tal-Vodafone huwa registrat f'isem Sergio Agius. Tghid illi qieghda tesebixxi dokumentazzjoni ghal dan il-ghan li qed jigi immarkat mill-Qorti bhala **DOK X** u tghid illi n-numru tal-mobile 99464195 huwa registrat f'isem Rocco Agius. Tghid illi rigward Rocco Agius m'ghandix karta tal-identita' tieghu, waqt li Sergio Agius ghandu karta tal-identita' numru 232478 (M).

Tghid li fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) gew irregistrati zewg phone calls bejn in-numri li ghadha kif semmiet. Taf illi 99443993 irregistrat f'isem Sergio Agius ghamel telefonata lil telephone number 99464195 irregistrat f'isem Rocco Agius. Wahda mit-telefonati damet tmien (8) sekondi u l-ohra hames sekondi. Wahda f'16.17.55 u l-ohra 16.28.29 u l-location kienet Benghajsa. Tghid illi qed tesebixxi **DOK X** u **Y** li fuqhom ghamlet ix-xhieda taghha.

**Jesmond Baldacchino** xehed fil-hamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta' I.T. Manager gewwa l-Malta Freeport Terminal Limited. Jikkonferma illi fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu kien gie mitlub mid-Direttur tieghu dak iz-zmien sabiex izomm CCTV images li hu responsabbli minnhom. L-ghada l-ewwel haga ha over il-footage li hu ordnat li ghamel li kien ghadu live fis-sistema, ha hsieb issevjah u ghamel kopja tieghu u ukoll gie brifjat mill-boss tieghu fuq dak li kellhom suspett li effettivamnt kien qieghed isehh u qal li ghandhom disghin (90) kamera fuq area ta' two (2) square kilometers u ghalhekk kellhom jiffolowjaw minn kamera ghal kamera movimenti partikolari.

Jghid illi huma dawn il-filmati naturalment rawhom. Jghid illi huma ghamlu l-following tat-trailer bil-passiggier li dahal gewwa l-facilita'. Jaf li mar f'area partikolari, gie mghobbi container iehor fuqu b'lifter maghruf bhala reach stacker. Din il-vettura harget mill-facilita' u huma iffolowjawha, jghid li regghet dahlet l-ghada filghodu kmieni l-istess vettura u harget fi ftit minuti u dan huwa trakk li jgorr container. Jghid li n-nies li kienu qed isuqu ma jafhomx. Ghalkemm hu kien responsabbli sabiex jikklirja l-footage sabiex haddiehor jiddentifikahom.

Jghid illi l-intervent tieghu hawnhekk kien wiehed tekniku jiehu back ups u jzomm il-footage, jaf li in segwitu kien gie l-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada filfatt kien ghamillu interview u auditjalu s-sistema li uza sabiex jikkonferma li kollox kien awtentiku, urieh kollox fuq l-art dak il-hin u tah kopja tal-extracted fil-files kollha li a bazi tieghu jista' jsir cash total u dan sabiex huwa jkun f'pozizzjoni li jivverifika li kollox kien originali u ma kienx tempered. Jghid li huma ghamlu wider range tas-samples tal-kameras u dawn qeghdin storjati f'post safe fil-kumpanija.

**Carol Muscat** xehed fil-hamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid li hu jahdem bhala  security fil-Freeport. Jghid li fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu kien xoghol mis-siegha (13:00) sad-disgha (21:00). Jghid illi kien hemm Lawrence Farrugia li huwa delivery clerk u gie jghidlu li kien hareg container b'iehor. Jghid li hu kien gewwa l-ufficcju mal-imghallem tieghu Mario Zammit u dan jinsab fil-genb tal-gate. Jghid illi huma telghu fuq fejn hemm il-kameras biex jivverifikaw x'container kien hareg. Jaf li tawhom numru tat-trakk tal-container u dan gie ddentifikat. In-numru gie moghti lilu minn Lawrence Farrugia d-delivery clerk. Il-container in kwistjoni hareg mill-gate.

Jghid illi ghamel rapport lis-superjuri tieghu Mario Zammit. L-ghada fl-erbatax (14) ta' Frar hu kien xoghol fis-sitta ta' filghodu (6:00am) sas-siegha (13:00). Jghid illi meta dahal ghax-xoghol fis-sitta neqsin kwart ta' filghodu (5:45am) sab l-imghallem tieghu diga' hemm, hadu fl-ufficju tieghu fil-bini ta' fuq li ma' ghandu x'jaqsam xejn mal-gate u dana sabiex jiddiskutu x'kien sehh lejliet.  Raw ghal darba ohra l-footage.

Fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) gie ipprezentat kopja tal-process verbal redatt mill-Magistrat Dr Aaron Bugeja u immarkat bhala **Dok Z**.

Xehed Dr Martin Bajada fil-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn qal li kien nominat fl-atti tal-inkjesta u dan mill-Magistrat Dr Aaron Bugeja in konnessjoni ma' rapport li sar dwar tehied ta' container gewwa il-Freeport. Huwa ipprezenta kopja ta' dik ir-relazzjoni ga esebita f'Qorti ohra f'Atti ta' inkjesta ta' kumpilazzjoni. Dan gie immarkat bhala **Dok. MB**. F'din ir-relazzjoni, fost provi ohra, hemm ukoll xhieda guramentata ta' Sandra Rachel Agius u d-dikjarazzjoni taghha datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li l-Ewwel Qorti

qieset bhala inammissibli fis-sentenza appellata. Hemm ukoll xhieda guramentata ta' Lawrence Farrugia datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ikkonferma d-dikjarazzjoni rilaxxata lill-Ispettur Rennie Stivala nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) flimkien ma' kopja ta' din id-dikjarazzjoni. Ir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada tikkontjeni ukoll xhieda ta' John Mercieca datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li qieghed jikkonferma d-dikjarazzjoni li irrilaxxa lill-Ispettur Rennie Stivala nhar l-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Din id-dikjarazzjoni ukoll tinsab fir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada.

**John Visonich** xehed fil-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta' Personnel Officer gewwa l-Freeport.

Mistoqsi x'sick leave ha Sergio Agius fix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) jghid illi effetivament Sergio Agius kien ha jumejn sick leave fit-tnax (12) u fit-tlettax (13) ta' Frar kif kien gie iccertifikat lilhom min Dr. Christopher Zarb li huwa tabib tal-kumpanija.

Jghid illi qieghed jaghraf lil imputat bhala Sergio Agius, u li qieghed jesebixxi kopja tac-certifikat moghtija lilu, liema certifikat qed jigi certifikat minnu seduta stante.

**Dr.Christopher Zarb** xehed fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu qieghed jigi muri certifikat mediku esebit f'dawn l-atti a fol.161 tal-process liema certifikat mediku huwa mahrug f'isem Sergio Agius 545, Victory Street, Qormi fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jikkonferma li dan ic-certifikat gie mahrug minnu u jghid illi dakinhar il-pazjent kellu spalltu tugghu. Jixtieq jghid li effettivament l-imputat Sergio Agius mhuwiex pazjent tieghu huwa pazjent tramite l-kumpanija Free Port Terminals u effettivament huwa l-imputat odjern.

**PS 239 Joseph Caruana** u **PS 404 Paul Camilleri** xehdu fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi huma kienu nominati mill-Magistrat Inwirenti Dr. Francesco Depasquale in konnessjoni ma' allegat serq ta' ammont ta' sigaretti minn gewwa container mill-Malta tal-Freeport nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi huma kienu prezentaw ir-relazzjoni taghhom u seduta stante qeghdin jesebixxu kopja tal-istess. Din ir-relazzjoni qed tigi immarkata mill-Qorti bhala **DOK FSL.**

**Derek Ali** xehed bil-lingwa Ingliza fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid li hu jokkupa l-posizzjoni ta′ General Manager fil-kumpanija CMA CGM, u jghid illi hu kien mistoqsi biex jezamina container number TEMU2403485. Hu kien mitlub mill-ispettur biex jipproduci evidenza ta′ titolu fuq il-container u biex jaghti valur ghall-istess container. Jghid illi qed jesebixxi dokument biex jsostni dan u dan qieghed jigi mmarkat bhala **DOK JG.** Jghid illi jista′ jikkonferma illi l-valur tal-container huwa ta′ elfejn, erba' mija u tnejn u sittin dollaru u hamsin centezmu ($2462.50). Jghid illi s-sid in kwistjoni kien mikri minn kumpanija bhala Textainer u dan kien mikri minn CMA CGM Group u kien mikri mill-kumpanija fid-disgha u ghoxrin (29) ta′ April tas-sena elfejn u hdax (2011) u dan ghadu jghajjat lill-istess kumpanija.

Jghid illi qed jesebixxi dokument **DOK JG1** li hija l-history tal-container. Jghid illi l-iktar ufficju tal-kumpanija vicin ta′ Malta huwa Textainer fl-Ingilterra. Jghid illi qieghed jesebixxi dikjarazzjoni tal-valur, dettalji tas-sit elettroniku ta′ Textainer **DOK JG2.** Jghid u jikkonferma li dawn gew iddawnlowdjati minnu stess minn fuq is-sit elettroniku.

**Mario Abela** xehed fis-sbatax (17) ta′ Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jahdem bhala Value officer mad-Dwana. Jghid illi gie mitlub sabiex jaghti evalwazzjoni tal-container bin-numru TEMU 2403485. Jghid illi fi Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu kien gie mitlub sabiex jaghti valuation ta′ erba' mija u hamsin (450) master cases b′ghaxart'elef (10,000) sigarett f′kull case bil-brand name tas-sigaretti Empire Royals. Jghid illi fil-fatt qed jesebixxi kopja tal-quotation rilaxxat minnu u jghid li effettivament hu stima dan ix-xoghol bil-valur ta′ mija u tletin elf u hames mitt ewro (€130,500). Jghid illi qed jesebixxi dan id-dokument li qed jigi mmarkat **MG.** Jghid illi l-valuation taghhom giet mahduma skond pakkett tal-ghoxrin li jigi smat tmienja u hamsin centezmu (58c) tal-Ewro. Jghid illi huma jaghmlu l-kalkoli taghhom fuq linji gwida li kienu gew stabbiliti fil-passat a bazi ta′ certu invoices u hareg dan fuq average value u meta huma ma jkollhomx brand name lokali fis-suq jew ikollhomx invoice propja l-kalkolu jsir dejjem a bazi ta′ tmienja u hamsin centezmu (58c) kull pakkett.

**Mark Borg** xehed fis-sbatax (17) ta′ Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi hu jokkupa l-kariga ta′ Ufficjal tad-Dwana u jahdem fit-taqsima tas-sisa u jghid li fi

Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) hu gie mitlub sabiex jaghmel il-kalkoli biex jara x'inhu dovut bhala sisa u vat fuq ammont ta' sigaretti li gew misjuba hawn Malta. Jghid illi hu gie mistoqsi biex jaghti valuation dwar sisa u vat effettivament rigward erba' miljun u hames mitt elf sigarett anzi jghid illi gie mitlub sabiex jikkompjuta t-taxxa dovuta fuqhom. Jghid illi tip ta' taxxi involuti f'din il-kovenzjoni huma ta' tlett (3) tipi l-import duty, l-excise duty u l-vat. Jghid illi huma jkunu jridu jkunu jafu l-kwantita' tas-sigaretti, il-brand taghhom, il-valur ta' dawn is-sigaretti bla taxxa u kemm jinbiegh pakkett sigaretti lill-konsumatur ta' dak it-tip jew bhalu. Jghid li bhal dan il-kaz cioe' il-brand name Empire Royals m'hawnx Malta u bhala retail price hadu l-aktar wiehed komuni li huwa l-oghla wiehed ta' hames ewro (€5.00) u dan sabiex tinhadem is-sisa u s-sisa nhadmet fuq rati komuni tal-lum.

Jghid illi qieghed jesebixxi dokument li l-Qorti qed timmarka **MB** u jghid li dawn huma kalkoli mahruga minnu u f'dan id-dokument hemm l-import duty fl-ammont ta' hamsa u sebghin elf, mija u tmienja u sittin ewro (€75,168), l-excise duty fl-ammont ta' sitt mija u hamsa u sebghin elf (€675,000) u l-VAT mija u tmienja u hamsin elf, hames mija, ghoxrin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€158.520.24)

**Nathalie Zahra** xehdet fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Tghid illi giet nominata minn din l-istess Qorti sabiex tiehu l-impronti digitali tas-swaba u palmi tal-imputat odiern Sergio Agius. Tghid li effettivament seduta stante hi ghamlet dan l-inkarigu u qed tesebixxi kemm faxxiklu tal-impronti digitali kif ukoll tal-palmi tal-istess imputat li l-Qorti qed timmarka bhala **Dok NZ.**

**Ps 404 Paul Camilleri** u **PS239 Joseph Caruana** xehdu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghidu illi huma gew nominati fl-atti tal-inkjesta dwar ghejbien ta' container minn gewwa l-Freeport datat bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dana fil-kapacita' taghhom bhala scene of the crime officers. Jghidu li llum jinsabu f'posizzjoni li jesebixxu (Jaqta' ir-recording).

Jghid li fil-fatt huma kienu diga' ipprezentaw r-relazzjoni taghhom pero' jixtiequ jzidu illi huma ma kienux ipprezentaw ritratti tal-lifters fis-seduta meta pprezentaw r-relazzjoni taghhom. Jghid illi l-inkarigu tieghu bhala PS 404 hadem fuq scene of crime u eleva il-finger prints u affarijiet ohrajn relevanti ghal din l-investigazzjoni waqt li

PS239 Joseph Caruana eleva u ha hsieb ix-xoghol tal-fotografija. Jghid illi qed jesebixxi il-lifters, ir-ritratti li qed jigu mmarkati bhala **DOK SOCO1** konsistenti f'hames (5) ritratti.

**Wpc256 Leanne Sant** xehdet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014). Tghid illi qed tara d-dokumenti SR2 esebiti fl-atti a fol. 56 konsistenti f'dikjarazzjoni ta' Sergio Agius fejn huwa fil-fatt ghazel li ma jkollux ghajnuna legali. Tghid illi qed taghraf il-firma tieghu, dik ta' PC 123 Dorian Tanti, tal-imputat li qed taghraf prezenti fl-Awla bhala Sergio Agius u ta' l-ispettur Rennie Stivala.

**PC723 Dorian Tanti** xehed fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jghid illi qed jara d-dokument esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dok SR2 a fol 56 tal-Process u jghid illi din hija dikjarazzjoni datata d-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u qed jaghraf fuqha l-firma tieghu, dik ta' WPC 256 Leanne Sant, l-imputat Sergio Agius li qed jaghraf prezenti fl-Awla kif ukoll tal-ispettur Rennie Stivala.

Jghid illi qieghed jara ukoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat datata l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) immarkata bhala dokument SR1 a fol. 53 et sequitur tal-Process. Fuq din l-istqarrija jghid illi l-imputat ghazel li jiffirma li qed jgharaf prezenti fl-Awla, qed jgharaf il-firma tal-Ispettur Rennie Stivala u l-firma tieghu stess fuq kull faccata.

Jikkonferma li l-imputat inghata s-solita twissija qabel ma giet rilaxxata din l-istqarrija. Jghid ukoll li fil-fatt fil-process a fol. 12 hemm stqarrija ohra rilaxxata mill-istess imputat datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) immarkata bhala **DOK RS3.** Jghid illi din l-istqarrija tinsab a fol. 12 et sequitur, qed jaghraf il-firma tieghu, dik ta' l-ispettur Rennie Stivala u tal-imputat li iffirma fuq kull faccata. Jghid ukoll li f'dan il-kaz l-imputat inghata s-solita twissija. Jaghraf l-imputat bhala l-istess Sergio Agius li rilaxxa dawn l-istqarrijiet.

**Is-Supretendent Paul Vassallo** xehed fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Jghid illi nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) gew infurmati ghall-habta tal-hdax (11:00am) ta' filghodu li kien hemm incident il-Freeport fejn container kien deher jinhareg minn gol-Freeport meta ma kienx awtorizat li johrog. Senjatament dan il-container kien mizmum mid-Dwana minhabba li kien sab

fih xi tabakk li kien irregolari. Id-Dwana zammew dan il-container fl-area taghhom pero' saru jafu illi fl-erbatax (14) ta' Frar, kmieni filghodu li dan il-container kien deher diehel fil-Freeport meta suppost kien baqa' fil-Freeport. Jghid illi marru lura fis-Security tapes u sabu illi dak il-container kien hareg il-gurnata ta' qabel u cioe' fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) wara nofsinhar.

Jghid illi meta gew infurmati, hu inkariga lill-Ispettur Rennie Stivala sabiex imur il-Freeport u jara x'gara u jekk jista' jkun jara jassigura jekk it-tabakk ghadux hemm jew le. Pero' meta wasal hemmhekk mar mal-Ufficjal tad-Dwana fejn sabu l-container kien f'post differenti minn dak illi kien impoggi fih qabel mill-Awtoritajiet tad-Dwana. Qabel ma nfetah il-container gie innutat illi s-sigill kienu nbiddlu u meta nfetah il-container  minflokk tabakk instab illi kien fih tankijiet tal-ilma. Jghid illi hu mar fuq il-post fejn iltaqa' mal-Ispettur Stivala u ra illi kien hemm container hemmhekk fejn l-ufficcju fejn il-warahouse tad-Dwana fejn jahdmu tad-Dwana. Jghid illi dan il-container  kien miftuh pero' dan kien mimli bit-tankijiet tal-plastic tal-ilma kbar min dawk ta' l-elf litru.

Jghid illi fuq il-post kien hemm l-Ispettur Stivala, l-Ufficjal tad-Dwana u jiftakar li kien hemm karozza b'xi nies pajzana meta saqsa dwarhom qalulu li kienu rapprezentanti tal-kumpanija CMACGM. Jghid illi l-Ispettur Stivala nforma lil Magistrat Inwirenti, gew mahtura l-esperti u mal-hin marru lura d-Depot sabiex ikomplu bl-investigazzjoni taghhom.

**Mario Cordina** xehed fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Jghid illi hu jahdem mal-Vodafone. Jghid illi qieghed jigi muri d-dokument immarkat bhala X li jinsab esebit fl-atti a fol. 146 u jghid illi dawn huma call data records tan-numru 99443993 li huwa registrat f'isem Sergio Agius. Jghid illi b'referenza ghal Dok esebit a fol 147 dawn huma data call records ukoll tan-numru 99464195 waqt li l-persuna huwa Rocco Agius.  Jghid illi dawn inqabdu Binghajsa 2A. Mistoqsi kemm ghandhom distanza din ic-cella ta' Binghajsa jghid illi, jibda biex jispjega illi n-network huwa maghmul minn numru ta' antenni li huma maghrufa bhala c-celli u kull cella ghandha l-coverage taghha u dan jiddependi kemm mill-ambjent ta' madwar kif ukoll parametri teknici ohra. Jghid illi f'dan il-kaz partikolari c-cella ta' Binghajsa l-coverage taghha jkun pjanat b'mod partikolari biex tkopri area partikolari.

Jghid illi qed jipprezenta dokument sabiex juri l-coverage ta' din ic-cellola msemmija li qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala dokument CSH u din ic-cellola fil-fatt tkopri l-Freeport. Jghid illi dan il-coverage huwa cirku fuq dan id-dokument.

**Doris Serpina** xehdet fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Tghid illi giet mitluba sabiex tesebixxi palm prints u finger prints li kienu gew esebiti fil-proceduri li qed jinstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta fil-konfront ta' Rocca Agius et. Dawn kienu gew esebiti quddiemhom mis-Surgent 404 Paul Camilleri u dana fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014). Tghid illi dan id-dokument qed jigi esebit prezenzjalment u mmarkat mill-Qorti bhala **DOK DS.**

**Dr. Leontine Calleja** xehdet fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Tghid illi hi giet innominata b'digriet ta' din il-Qorti kif preseduta nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Tghid illi illum tinsab f'pozizzjoni li tesebixxi r-relazzjoni taghha li qed tigi mmarkata **DOK LC.**

**Nathalie Zahra** xehdet fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015). Tghid li hi kienet giet innominata minn din il-Qorti b'digriet taghha sabiex taghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali u l-marki tal-pala tal-idejn tal-imputat li qed taghraf prezenti fl-Awla Sergio Agius u dawk elevati mix-xena tad-delitt u cioe' minn PS 404 Paul Camilleri. Tghid li filfatt in segwitu tad-digriet moghti lilha hi kienet accediet lill-Qorti u kienet hadet l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-istess Sergio Agius. Tghid ukoll illi dawn kienu gew esebiti u mmarkati bhala **DOK NZ.**

Tghid ukoll illi sabiex hi ghamlet l-inkarigu moghti lilha kellha tirtira minn dan il-Process id-dokument li kien jinsab a fol. 647 tal-atti u cioe' l-impronti li gew mehuda minn PS 404 fuq ix-xena tad-delitt. Tghid ukoll li qed tesebixxi r-relazzjoni tieghha u tikkonkludi illi l-impronta tidher fuq il-lifter dokument **14AMB304** taqbel mas-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Sergio Agius karta' tal-identita' numru 232478(M).

Tghid ukoll illi l-marki tal-impronti digitali tal-impronti tal-pali tal-idejn li jidhru fuq il-lifters 14AMB301, 302, 303 u 305 ma kienux tajbin jew ma kellhomx ponti bizzejjed ghall-fini tal-komparazzjoni.

**PC852 Oliver Magri** xehed nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u spjega illi nhar it-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) huwa kien duty gurnata. Qal li jahdem bhal driver '*general use*'. Dakinhar gie imsejjah sabiex jassisti lil

tal-Forensic Unit gewwa il Freeport B'Bugia sabiex jiehu sitt (6) tankijiet lura lejn il-bitha tas-CID. Huwa ghalhekk kien mar bit-truck tal-pulilzija u ghabba sitt (6) tankijiet tal-ilma u ghinuh terzi persuni u hadhom lejn il Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ikkonferma li l-istruzzjonijiet hadhom minghand PS 239 u PS 404. Mistoqsi jekk kellux xi sehem iehor f'din l-investigazzjoni jghid li ma kellux. Fit-truck kien wahdu.

**Dr John Seychell Navarro** xehed fis-seduta tas-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn esebixxa r-rapport tieghu mal-assi tal-imputat konsistenti f'zewg (2) faxxikoli volume 1 u volume 2.

L-**Ispettur Rennie Stivala** xehed in kontro-ezami fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Xehed li huwa minnu li kien ircieva letter to prosecute tad-Dwana u minghand tal-VAT u ghalhekk kien hareg l-akkuzi relattivi skont dawk li qalulu tal-VAT u tad-Dwana u oltre dan, zied l-akkuzi tas-serq u l-komplicita' fis-serq. L-akkuza ta' serq ma bbazawhiex biss fuq l-informazzjoni li gie moghti mill-ufficjali tad-Dwana u dan stante li rrizultalu li kien hemm is-serq tal-container innifsu u s-serq per se tal-container ma ghandux x'jaqsam ma' dak li soffriet id-Dwana. Il-container hareg mill-compound sal-Freeport u rega' dahal l-ghada. il-container rega' nstab fil-Freeport pero' f'posizzjoni differenti.

Id-dwana kienu fethu l-container, jaf li hargu numru ta' kaxxi ftit jiem qabel ma effettivament insteraq dan il-container u rrizultalhom li f'dan il-container kien hemm is-sigaretti. Dan l-ezercizzju sar xi tmien (8) ijiem jew disat' (9) ijiem qabel ghalkemm jghid din ghandha tirrizulta mix-xhieda tad-Dwana. Huwa minnu li l-filmati li ra kienu jirrelataw ghad-dati tlettax (13) u erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u kienu granet li ezattament kienu jinteressaw f'din l-investigazzjoni. Martin Bajada kien ipprezenta wkoll il-jiem ta' qabel u ipprezenta l-inkarigu tieghu. L-Ufficjali tad-Dwana kienu qeghdin jaghmlu investigazzjoni b'mod partikolari kienx hemm issues li jirrigwardaw l-IPR fuq il-marka tas-sigaretti li huma importaw minkejja li dawn is-sigaretti kienu in transshopment. L-ufficjali tad-Dwana kienu fitxew il-container f'post fejn fil-fehma taghhom kien ghadu mimli u ssigillat u sussegwentement meta l-container gie irritornat u mpoggi f'post differenti u nfetah fil-prezenza tal-pulizija l-oggetti ma kienux hemm. L-IPR ried ifisser il-pulizija kienu qeghdin jivverifikaw jekk l-isem jew l-emblemi li jkun hemm fuq il-pakketti tas-sigaretti kienux ikkupjati minn xi trade mark registrat bl-ghan biex jigi stabbilit jekk

il-prodott kkienx counterfeit. Ma jafx xi jsir minn dawn it-tip ta' sigaretti una volta jigu esebiti l-Qorti.

Jghid li hu ma jistax jghid jekk dawn is-sigaretti in segwitu jinbieghux jew le. Ma kellux kaz fejn dazju dovut fuq oggett li kien counterfeit. Ma humiex f'pozizzjoni li jghidu s-sigaretti in kwistjoni effettivament kienux counterfeit. Una volta dawn l-oggetti jinhargu fis-suq dawn jinbieghu minflok oggett li tkun thallset id-dazju fuqhom u ghalhekk il-Gvern xorta jkun naqas li jiehu d-dazju dovut.

Jaf li gie esebit process relatat ma' dawn il-proceduri. Ma jafx jekk id-Dwana ghamlux ezamijiet fuq dawn is-samples li gabru. Huwa minnu li sakemm kien ta ix-xhieda precedenti tieghu ma irrizultalux min kien sid il-container pero' mill-atti ghandu jirrizulta illi b'mod partikolari mix-xhieda li nghatat mis-Sur Ali, Derek Ali irrizulta lis-sidien tal-container kienu CMACM. Jekk mhux sejjer zball kien esebixxa xi fattura. Irrizultalu mill-investigazzjoni li ghamel hu li s-sigaretti kienu jappartjenu ghas-socjeta' CMACGM.

**Dr. Anthony Bonnici** xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn xehed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' GO plc. Ikkonferma li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena efejn u erbatax (2014) s-Socjeta' GO plc kienet giet mitluba sabiex tghaddi xi informazzjoni dwar klijenti taghha lil espert Martin Bajada u dan in konnessjoni ma' inkjesta li kienet qed tinzamm rigwardanti sejba ta' trailer barra mill-Freeport. Huwa gie muri dokument MB u qal li kien ircieva dan id-dokument datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u qal li kien hu stess li hadem fuq dan ir-request u kkonferma li kien baghat l-informazzjoni kollha rikjesta u mitluba minnu u din l-informazzjoni kien baghtilu permezz ta' email u fil-fatt fl-atti hemm CD bil-call profiles skont l-informazzjoni moghtija mix-xhud lilu.

Jghid li jaf li fir-rikjesta li saret lilhom kien hemm lista ta' numri u fil-fatt jghid illi fl-email li hu kien baghtlu jirrizulta liema huma n-numri li kien tah, informazzjoni dwaru u kif kien kiteb fl-email dawk in-numri li mhumiex ikkowtati fl-email ma kienux registrati mal-GO plc. Spjega li dak iz-zmien hu kien qed jidher ghan-nom ta' GO mobile u mhux ta' GO plc.

**Emily Abela** xehdet fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn xehdet ghan-nom tas-socjeta' Melita Limited. Ikkonfermat li effettivament is-socjeta' Melita Limited kienet tat certu dokumentazzjoni lil Martin Bajada in konnessjoni ma' inkjesta li kienet qed tinzamm fix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) in konnessjoni ma' sejba ta' trailer barra l-Freeport. Minn naha taghha ma ghadx ghandha rekords tar-rapport kollu. Giet murija d-dokument esebit bhala dokument MB qalet li din hija r-request li kienet saret lilha minn Dr Martin Bajada nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Qalet li ma kinitx hi li hadmet fuq din ir-request izda certu Michelle Edwards u l-komunikazzjoni li saret bejn Martin Bajada u l-Melita saret tramite Michelle Edwards.

**Marisa Gauci** xehdet fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn xehdet ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone. Giet murija dokument MB u qalet li din hija request li saret lilhom minn Dr. Martin Bajada nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) sabiex jipprovdulu certa informazzjoni dwar certu numri li gew indikati lilhom fl-istess request tieghu.

Tghid li meta irceviet din l-istess request kienu ghamlu r-ricerki taghhom u effettivament kienu baghtu email lil Dr Martin Bajada bl-informazzjoni rikjesta u effettivament esebiet s-CD bl-istess informazzjoni lil Dr Martin Bajada. Dan is-CD gie immarkat bhala dokument **MG**. Fost in-numri li kien hemm indikati fl-email ta' Dr Martin Bajada qalet li mhux kollha kienu jghajtu lil Vodafone. Kienet ghaddiet l-informazzjoni fuq hames (5) numri partikolari, l-ewwel numru 99870283, it-tieni wiehed 99897411, it-tielet wiehed 79028804, ir-raba' wiehed 99451732 u l-ahhar wiehed kien 99464195. Sa fejn taf hi darba kienet saret it-talba ta' Dr Martin Bajada.

**Jesmond Baldacchino** xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn qal li jokkupa l-kariga ta' Head of IT gewwa l-Freeport partikolarment imsejha Malta Freeport Terminals Limited. Ikkonferma li fi Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) kienet saret serqa ta' container minn gewwa l-Freeport u kien gie mitlub minghand Dr. Martin Bajada sabiex jissupplieh b'certu informazzjoni. Qal illi r-rikjesta tieghu kienet saret nhar jew l-erbatax (14) jew il-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Jiftakar li kien talbu extracts ta' CCTV. Talbu wkoll kif inhi installata s-sistema taghhom tas-CCTV u dan sabiex ikun jista' jivverifika li dawn l-extracts li ghaddielu kienu ekwivalenti ghall-originali. Ma setax igib l-original

minhabba s-sistema teknologika taghha. Mistoqsi jekk ghadx ghandha kopji ta' dawn l-extracts qal li iva zamm u qal li hu responsabbli sabiex izomm diversi kopji minhabba ragunijiet tar-residenza u ikkonferma li ghad ghandhom tali kopja u li dawn jinsabu fil-pussess tieghu.

**Michelle Edwards** xehdet fis-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) bil-lingwa Ingliza fejn qalet li tiftakar li fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) kienet mitluba minn Dr Martin Bajada biex tipprovdilu informazzjoni ghan-nom ta' Melita, liema informazzjoni kienu ircevew bl-email. Ma tafx min hadem fuq l-email in kwistjoni izda kienet hi li baghtet l-email lil Dr Martin Bajada biex tinformah lir-rikjesta li kien ghamlilhom kienet lesta u li setgha jigbor l-informazzjoni relattiva. Giet murija dokument MB fl-atti, b'mod partikolari fol 15A u gharfet ir-rikjesta li kienet irceviet minghand Dr Martin Bajada datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u giet murija email datata ukoll l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li huwa indirizzat lilha u kkonfermat li rceviet din l-email. Ma kinitx f'pozizzjoni li tikkonferma d-dettalji misjuba fl-atti peress li ghaddew tlett (3) snin minn dakinhar izda taf li linformazzjoni kienet inghatat lil Dr Martin Bajada tramite Melita.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Jirrizulta li l-imputat kien impjegat mal-Malta Freeport Terminals Limited;

2. Fit-tnax (12) u tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-imputat kien fuq sick leave[2];

3. Jirrizulta li kien hemm *transhipment container* li kien mizmum gewwa l-Freeport fuq ordnijiet tal-ufficjali tad-Dwana biex isiru xi investigazzjonijiet dwaru u dan in vista ta' numru ta' sigaretti li nstabu fl-istess container;

[2] Skont ma jirrizulta mix-xhieda ta' John Visonich moghtija fil-15 ta' Settembu, 2014

4. Lawrence Farrugia[3] xehed li kien dahal trakk b'container biex jinhatt, liema trakk kien misjuq minn certu Rocco Agius li kellu passiggier li skond dan ix-xhud haseb li dan il-passigier setgha kien l-imputat;

5. Gie allegat li l-container TEMU2403485 tghabba b'reach stacker fuq trakk bit-trailer li sussegwentement hareg minn gol-Freeport minghajr ma gie mwaqqaf. L-Ispettur Rennie Stivala[4] xehed li minn fuq il-filmat tac-CCTV, Stephen Calleja kien gharaf il-persuna li kienet qieghda topera ir-*reach stacker* bhala li setgha kien l-imputat[5];

6. Jirrizulta li dan il-container instab l-Freeport l-ghada filghodu fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) mhux fil-post fejn kien originarjament thalla u fejn irrizulta li minflok il-kontenut precedenti, instabu sitt (6) tankijiet vojta tal-elf litru;

7. Illi in segwitu ta' investigazzjoni, inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat.

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati waslet ghall-konkluzjonijiet taghha rigward l-involviment tal-appellant in bazi kemm ghal provi li kienu legalment inammissibbli kif ukoll ghal evidenza li effettivament ma rrizultatx mill-provi.

L-appellant jissottometti li l-Qorti tal-Magistrati fl-evalwazzjoni taghha rrilevat li ma kienx jirrizulta sufficjentement mill-kumpless tal-provi li l-appellant kien l-awtur tas-serq tal-container jew ko-awtur f'dan is-serq. Imbaghad ghaddiet sabiex tezamina jekk kienx hemm bizzejjed provi biex jinstab hati bhala komplici. L-appellant jissottometti li l-Qorti ghamlet tlett zbalji kardinali. Jissottometti li tat importanza sostanzjali lil fatt li l-appellant kien cahad li kien fiz-zona fejn sehhet l-allegata serqa u cioe' fiz-zona tal-Malta Freeport. Li minkejja li l-Qorti kienet laqghet it-talba sabiex tiddikjara z-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat bhala inammissibli, huwa kontro-sens pjuttost gravi li fil-parti ta-esposizzjoni tal-ligi ghazlet li twarrab dawn l-istqarrijiet filwaqt li fil-parti

---

[3] Li xehed fil-25 ta' April, 2014

[4] Li xehed fit-18 ta' Marzu, 2014

[5] Din il-Qorti kif sejra tikkunsidra aktar il-quddiem izzid ukoll li meta dan Stephen Calleja xehed quddiem din il-Qorti fil-25 ta' April, 2014 huwa ma specifikax x'kien qieghed jaghmel il-persuna li dehrlu li setgha kien l-imputat fuq ic-CCTV;

tal-evalwazzjni tal-provi tathom importanza strategika fis-sens li ddikjarat minghajr mezzi termini li l-appellant ma kienx kredibbli. Ghalhekk skont l-appellant l-apprezzament maghmul mill-Qorti huwa mhux biss fattwalment skorett izda addirittura legalment zbaljat.

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-kumplament ta' dan l-ewwel aggravju, sejra tqis l-ewwel punt imqajjem mill-appellant u cioe' li l-Ewwel Qorti tat piz l-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat minkejja li kienet fl-istess sentenza qiesithom bhala inammissibli. Fis-sentenza appellata, il-Qorti kienet ikkunsidrat li '*mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li jkun ghaqli li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita' li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq, m'hijiex sejra taghmel uzu miz-zewg stqarrijiet tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.*' Fl-istess sentenza qieset li '*Illi mil-provi akkwiziti, inkluz it-testimonjanza tad-diversi xiehda li ddeponew f'din il-kawza, izda minghajr referenza ghar-rizultanzi tal-istqarrijiet tal-imputat u tax-xhieda u dikjarazzjoni ta' martu Sandra Rachel Agius, il-Qorti taghmel is-segwenti konstatazzjonijiet fattwali:-*'. Din hija indikattiva li l-Qorti ma kelliex tikkunsidra dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrijiet rilaxxati minnu. Dwar ix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala l-Ewwel Qorti ikkunsidrat ukoll li '*Filwaqt illi ghalhekk, taqbel ma' dak sottomess mid-difiza dwar il-valur probatorju tat-testimonjanza tal-istess xhud l-Ispettur Rennie Stivala in kwantu din tikkoncerna r-rizultanzi tal-investigazzjonijiet li ghamel dwar dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li dik il-parti tat-testimonjanza tieghu fejn jirrakkonta dak li qallu l-imputat waqt l-interrogazzjoni, ghandha titqies bhala prova li l-imputat ikun qal dak il-kliem lix-xhud...*'

F'pagna 33 tas-sentenza appellata, il-Qorti tikkunsidra li '*F'dan l-isfond, il-Qorti tifhem li l-imputat jichad li huwa kien fiz-zona tal-Freeport fit-13 ta' Frar 2014. Madankollu, huwa evidenti li din il-verzjoni tinsab kontradetta mill-provi, u senjatament izda mhux limitatament mit-testimonja ta' Marisa Gauci u Lawrence Farrugia, liema testimonjanza tqieghed lill-imputat gewwa l-Freeport fl-istess gurnata li nsteraq il-container cioe' fit-13 ta' Frar 2014.*'

In oltre', f'pagna 34 tas-sentenza appellata, gie kkunsidrat li '*Din il-verzjoni tal-imputat tkompli titlef mill-kredibbilita' taghha meta jittiehed qies tal-fatt illi l-impronti digitali tas-suba' tac-curkett ta' id ix-xellugija tieghu, gie identifikat fuq wiehed mit-tankijiet tal-ilma li nstabu fil-container in kwistjoni meta dan infetah wara li gie rega' ddahhal fil-Freeport l-ghada tas-serqa, fl-14 ta' Frar 2014.*'

Ghalhekk gialadarba l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri, huwa evidenti li l-Qorti bil-kliem '*Din il-verzjoni tal-imputat..*' u li '*l-imputat jichad...*' kienet qieghda tirreferi ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat jew ghal dak li l-Ispettur Stivala xehed li l-imputat kien qallu. Din il-Qorti tenfasizza li kwalunkwe referenza li setghet saret ghal kontenut tal-istqarrijiet tal-imputat minn xhieda ohra fosthom l-Ispettur Rennie Stivala kellha ukoll tigi skartata mill-Ewwel Qorti gialadarba kienet qieghda tqis l-istqarrijiet bhala inammissibli. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun f'dan ir-rigward u cioe' li l-Qorti ma setghetx taghmel uzu mill-istess stqarrijiet u cioe' dawk datati l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li kienu gew skartati minnha stess bhal kif lanqas ma kellha tikkunsidra dak li xehdu xhieda ohra dwar il-kontenut ta' dawn l-istqarrijiet. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tqis l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat u kwankwe referenza ghal kontenut ta' dawn l-istqarrijiet.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel (1) aggravju l-appellant ikompli jissottometti li l-Qorti tal-Magistrati strahet fuq apprezzament superficjali tax-xhieda ta' Lawrence Farruggia u Stephen Calleja, liema xhieda suppost gharfu lill-imputat. Jissottometti li l-Qorti filwaqt li kkoncediet li l-identifikazzjoni ma saritx f'termini assoluti u inekwivoci, naqset milli tezamina dak li verament qalu dawn iz-zewg xhieda u f'liema kuntest qaluh. Kien biss Farrugia li haseb li gharaf lill-appellant ghaliex is-suppost identifikazzjoni ta' Calleja kienet biss opinjoni li inghatat minnu wara li ra s-CCTVs tal-Malta Freeport xi granet wara l-kaz. Skont l-appellant, ix-xhieda ta' Stephen Calleja ma hi xejn ghajr opinjoni li kellha tigi dikjarata bhala inammissibbli. Dan ix-xhud xehed xi jiem wara l-incident, kien ra l-filmati relattivi u osserva li mill-karnaggjon tal-individwu u mill-mixja tieghu, dehrlu li wiehed mill-persuni 'seta' kien Sergio Agius. Jissottometti li tali dikjarazzjoni nebuluza ma hijiex identifikazzjoni izda tikkostitwixxi biss opinjoni dwar dak riskontrat mill-filmati, li tali apprezzament kellu jsir mill-Qorti u mhux minn xhud ordinarju. Jissottometti ukoll li l-Qorti tal-Magistrati allegat b'mod kategoriku li "*Stephen Calleja gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed topera r-reach stacker bin-numru 69 li deher fil-filmat tas-CCTV jghabbi l-container fuq it-trakk*" filwaqt li fix-xhieda tieghu, Calleja ma jaghmel ebda referenza ghal mument meta suppost gharaf lill-appellant izda jghid "*Jiena dawn il-filmati rajthom fit-tmintax (18) ta' Frar kien jum it-*

*Tlieta flimkien ma' dan Jesmond u bil-mod kif bdejt nara l-karnaggjon tal-individwu u mill-mixja tieghu jiena dehrli li seta kien Sergio Agius'* li jfisser skont l-appellant li fl-ebda mument ma qal dan ix-xhud lis-suppost identifikazzjoni tieghu tal-appellant kienet tirreferi ghall-mument ta' meta gie operat ir-reach stacker. Ghalhekk l-appellant jissottometti li l-opinjoni moghtija minn dan ix-xhud ma tindikax il-mument tal-identifikazzjoni u fi kwalunke kaz hija inammissibbli u tikkostitwixxi opinjoni ta' xhud. Ghalhekk skont l-appellant tali xhieda kellha tigi skartata ghax hi inammissibli u hija inkonklussiva u inatendibbli.

L-appellant jissottometti li x-xhieda ta' Lawrence Farrugia hija wkoll inkonklussiva ghal zewg ragunijiet. L-ewwel nett Farrugia huwa kollega tal-appellant u fil-mument tal-identifikazzjoni huwa kien vicin hafna tat-truck. Huwa xehed li "*mix-xebh tieghu donni deherli li kont diga naf minn hi din il-persuna. Fil-fatt hsibt li setgha kien il-persuna ta' Sergio*". Ghalhekk l-appellant jistaqsi kif tista' tkun attendibbli xhieda ta' persuna li qieghed jara kollega tieghu minn distanza qasira hafna u qieghed jesprimi dubji dwar l-identifikazzjoni tieghu. In oltre' lis-suppost identifikazzjoni saret fit-3:30pm, u cioe' qabel ma saret is-serqa allegata.

Ghalhekk jissottometti li ma tezisti ebda prova ammissibbli u attendibbli tal-identifikazzjoni tal-appellant fil-mument tal-allegata serqa.

Ikkunsidrat;

Stephen Calleja fix-xhieda tieghu tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed li '*Jien rajthom dawn il-filmati. Jiena dawn il-filmati rajthom fit-tmintax (18) ta' Frar kien jum it-Tlieta flimkien ma' dan Jesmond u bil-mod kif bdejt nara l-karnaggjon tal-individwu u mill-mixja tieghu jiena dehrli li seta' kien Sergio Agius li fil-fatt huwa l-imputat odjern.*' Ghalhekk minn din ix-xhieda ma jirrizultax li dan ix-xhud spjega f'liema filmat dehrlu li l-persuna kienet l-imputat u cioe' jekk kinitx il-persuna li qed topera r-reach stacker bin-numru 69 li deher fil-filmat tas-CCTV jghabbi l-container fuq it-trakk kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti. Jirrizulta izda li mix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala moghtija fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) huwa kien spjega li '*Meta konna qeghdin naraw il-bicciet slots tas-CCTVs biex nibdew naraw daqsxejn min seta' kien involut wiehed mill-Managers li huwa Stephen Calleja mill-Managers tal-Malta Freeport Limited li huwa Stephen Calleja indika illi l-persuna fost bdejna niddentifikaw min kienu n-nies u l-persuna illi dehret tiela' fuq ir-reach stacker,*

*tistartjah wara ftit minuti u timxi bih u tiehdu minn quddiem il-canteen setghet kienet certu Sergio Agius.*' Ghalhekk jirrizulta li ghalkemm fix-xhieda ta' Stephen Calleja quddiem l-Ewwel Qorti huwa ma specifikax f'liema filmat donnu gharaf lilll-imputat, jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Stivala li dan kien fil-mument li kien qieghed jintuza r-reach stacker. Minkejja dan, gialadarba ix-xhud ma ikkonfermax dan fix-xhieda tieghu, il-Qorti ma kelliex tikkunsidra li dan ix-xhud setgha gharaf lill-appellant meta kien qieghed jigi operat ir-reach stacker izda biss li donnu gharfu f'xi filmat. Dwar dak li huwa kkunsidrat bhala 'real evidence' din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Ramon Cassar) Vs Ruth Borda ta' 29 sena bint Carmel Borda u l-mejta Doris nee' Harmer, imwielda Pieta fit-18 ta' Marzu 1983, detentrici ta' karta ta'l-identita' Maltija bin- numru 190783(M) u residenti Volendam, Triq A. Calligari, Zabbar u Alan Cutajar ta' 35 sena iben Charles u Winifred nee' Willie, imwieled Pieta' fit-28 ta' Jannar 1997, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 125977(M) u residenti fil-fond numru Flat 16, Block 10, Entrance B, Triq il-Gilju, San Gwann'**[6]:

'*Illi fil-ktieb tieghu Cross, On Evidence (6th edition) l-awtur jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala* ***real evidence****:*

***'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...***

***Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.***

*Cross imbaghad ighaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u ighid:*

***'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video- tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.***

---

[6] Deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminli nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 36/2007)

Lawrence Farrugia li xehed ukoll fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li '*Waqt li kont qed nipprocessa din il-karta nnotajt illi fil-gabbiena kien hemm persuna ohra li kienet libsa beritta skura u nuccali tax-xemx iswed, u mix-xebh tieghu donni deherli li kont diga naf minn hi din il-persuna. Fil-fatt hsibt li setgha kien il-persuna ta' Sergio li huwa n-neputi ta' Rokky. Fil-fatt nghid li huwa l-imputat odjern li qed nindikka lill-Qorti.*' Fid-dikjarazzjoni ta' Lawrence Farrugia datata l-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li tinsab gewwa Dok. MB kien spjega li '*Ghal habta ta' 15:30hrs gie truck no:90, b'kabina bajda, bix-xufieri jghidulu ir-'Rocky' u taghni pass biex ihott container vojt. Jien processajtlu dan il 'pass' u tajtu karta ohra li fuqha jkun hemm indikat fejn irid jmur ihott il-container. Dak il-hin li kont qieghed nipprocessa l-karta innutajt li fil-kabina kien hemm persuna ohra mieghu fejn dan kien liebes beritta skura, nuccali tax-xemx iswed u mix-xebh tieghu jien hadt li kont nafu u ghidt mieghi innifsi illi kien certu wiehed Sergio illi jigi n-neputi tar-Rocky. Hawnhekk innutajt ukoll illi avolja gieli kellimtu peress illi kont nahdem fit-terminal fejn ghadu jahdem hu, dakinhar dan qisu ma riedx kliem anzi beda jipprova jdawwar wiccu n-naha l-ohra. Dak il-hin jien ma tajtx kaz u komplejt niccajta mar-'Rocky' fejn wrejtu ritratt fuq il-mobile u huwa qalli ironikament "Jien ma narax insuq, ha nara l-mobile? Ghamilli l-karta ghax mghaggel." Wara li tajtu l-karta huwa telaq u jien bqajt ghaddej fuq xogholi. Nixtieq nghid illi dan il-process jdum biss minuta jew inqas.*'

L-Ewwel Qorti qieset li '*applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet ghall-kaz odjern, huwa minnu li l-gharfien tal-imputat mix-xiehda fuq imsemmija ma sarx f'termini assoluti u inekwivoci, izda l-Qorti tifhem li ghandha tqis l-gharfien maghmul minn dawn ix-xiehda bil-kejl tal-fatt li l-imputat huwa kollega tax-xoghol taghhom, b'kuntatt mieghu fuq bazi regolari fuq l-istess post tax-xoghol fejn proprju saru l-identifikazzjonijiet in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk, tenut kont ukoll tal- insenjament fuq citat, ftit ghandha rizervi sabiex, fil-kumpless tal-provi l-ohra kollha, taghti certu qies ta' affidabbilita` lill-identifikazzjoni tal-imputat maghmula minn Lawrence Farrugia u minn Stephen Calleja.*' Ghalhekk jirrizulta li meta l-Ewwel Qorti kkunsidrat dawn ix-xhieda, hija qieset ukoll numru ta' provi cirkostanzjali ohra. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant lix-xhieda ta' dawn iz-zewg xhieda u cioe' ta' Stephen Calleja u Lawrence Farrugia hija inammissibli, izda filwaqt li f'dak li kkonsatata Stephen Calleja mill-filmat tac-CCTV tqis li Stephen Calleja setgha gharaf lill-appellant f'xi filmati in kwistjoni izda ma jistax jigi konkluz li huwa gharaf lill-imputat jopera r-reach stacker gialadara din mhux ikkonfermata fix-xhieda tieghu. In oltre, kif tajjeb ikkunsidrat l-

Ewwel Qorti, din ix-xhieda ma saritx '*f'termini assoluti u inekwivoci*' u ghalhekk wahedha ma tistax tittiehed bhala prova konklussiva.

Fil-kaz ta' Lawrence Farrugia tqis ix-xhieda tieghu attendibbli u dan stante li dak li kien iddikjara fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) rega xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u in oltre anke jekk xehed dwar it-tlieta u nofs (3:30pm), jezistu provi ohra li jorbtu lill-appellant mal-Freeport dak in-nhar u cioe' fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014). L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jistaqsi '*kif tista' tkun attendibbli xhieda ta' persuna li qieghed jara kollega tieghu minn distanza qasira hafna u qieghed jesprimi dubji dwar l-identifikazzjoni tieghu?*' Din il-Qorti tqis li t-twegiba tinsab fix-xhieda ta' Lawrence Farrugia stess li spjega li din il-persuna kienet libsa beritta skura u nuccali tax-xemx iswed u li qiesu ma riedx kliem u beda jdawwar wiccu.

Ghalhekk din il-Qorti minkejja li ma tqis l-identifikazzjoni tal-imputat minn dawn iz-zewg xhieda bhala inekwivoci, xorta tqishom bhala ammissibbli u li ghandhom jitqiesu meta l-Qorti tqis cirkostanzi ohra.

Ikkunsidrat;

L-appellant fl-ewwel aggravju jissottometti ukoll li l-Qorti strahet fuq ix-xhieda tal-espert taghha Nathalie Zahra li kkonkludiet li wiehed mill-lifters mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt (dok 14AMB304) kien jaqbel mas-saba' tac-curkett tal-id tax-xellugija tal-appellant. Dan il-lifter gie mehud minn fuq tank vojt tal-ilma li nstab gewwa l-container l-ghada tal-allegat serqa. Jissottometti li l-konkluzjoni tal-Qorti li l-appellant li jahdem gewwa l-Freeport ma kellux ikollu kuntatt mal-container hija wahda gratuwita in kwantu ma jirrizulta minn imkien mill-provi li dan huwa l-kaz. In oltre, jissottometti li l-konkluzjoni li l-appellant halla l-marka tieghu gewwa l-container hija wahda zbaljata peress li l-impronta li nstabet fuq tank tal-ilma u mhux gewwa l-container. Lit-tank tal-ilma kien qieghed gewwa l-container huwa biss incidentali u ma jfissirx necessarjament li l-appellant kellu xi kuntatt mal-container. Dwar il-provi indizzjarji, ssottometta li huwa risaput li l-provi indizzjarji jridu jkunu univoci u cioe' jippuntaw kollha fl-istess direzzjoni. Il-prova ta' impronta digitali fuq tank tal-ilma tista' ipotetikament tfisser li l-appellant assista lill-awturi tar-reat wara l-fatt u li huwa risaput li l-komplicita' wara l-fatt ma twassalx ghar-reita' fis-sistema nostrali.

Ghalhekk skont l-appellant, il-Qorti strahet fuq provi li kienu inammissibbli, inattendibbli u inkonklussivi meta waslet ghall-konkluzjoni li jezistu bizzejjed provi sabiex l-appellant jinstab hati ta' komplicita' fis-serqa tal-container.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qrati dwar provi indizzjarji. Tibda' biex issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'**[7] fejn gie ikkunsidrat '*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' htija, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*'

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**[8] ikkunsidrat:

*Illi l-gurist* ***Ingliz Pollock C.B***[9] *jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal- univocita` tagħha bis-segwenti mod:*

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawza numru: 83/2011)

[9] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza itata)

*suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfazi mizjuda)

Nathalie Zahra xehdet fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn spjegat li kienet ghamlet ezami komparattiv bejn l-impronti digitali u l-marki tal-pala tal-idejn tal-imputat u dawk elevati mix-xena tad-delitt u cioe' minn PS 404 Paul Camilleri. Hija ikkonkludiet li l-impronta li tidher fuq il-lifter dokument 14AMB304 taqbel mas-saba tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Sergio Agius bil-karta tal-identita' 232478(M). Fir-relazzjoni tal-espert PS404 Paul Camilleri a fol 220 et sequitur u senjatament a fol 222, jirrizulta lir-ritratt indikat 14AMB304 huwa lifter elevat minn fuq barra tat-tank numru 1 li kien hemm gewwa l-container, ghalhekk il-lifter li qabel mas-seba tac-curkett ta' id ix-xellugija tal-imputat kien jaqbel ma dan u cioe' kien fuq wiehed mit-tankijiet li kien hemm gewwa l-container u mhux fuq il-container.

Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti:

'*F'dan il-kaz, l-identifikazzjoni mill-espert nominata mill-Qorti, tal-impront digitali tal-imputat bhala wiehed mill-impronti li nstabu fuq il-kontenut tal-container fl-14 ta' Frar 2014, saret minghajr ebda rizervi kwalsiasi*[10].

*Il-Qorti tqis li l-presenza tal-impront tal-imputat fuq il-kontenut tal-container li kien misruq, hija prova indizzjarja li turi b'certezza li l-imputat kellu kuntatt mal-kontenut tal-container li gie misruq, izda hija wkoll tal-fehma illi wahdu ma twassalx ghall-prova li l-imputat kien involut fis-serq tal-istess container u biex jista' jwassal ghall-konkluzjoni li l-imputat kien komplici fis-serq tal-container li fih instab l-istess impront digitali, jenhtieg korroborazzjoni minn provi testimonjali jew cirkostanzjali ohra. Dak li ghandha tiddetermina l-Qorti hi jekk, fl-isfond tal-kaz kollu, il-post u c-cirkostanzi li fihom instab dan l- impront digitali tal-imputat, jirrizultax lil hinn minn kull dubbju dettat mir- raguni li dak l-istess impront sar waqt xi partecipazzjoni mill-imputat, fir-reat tas-serq tal-container*[11].'

---

[10] "A. Illi l-impronta li tidher fuq il-lifter document 14 AMB304, taqbel mas-saba' tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Sergio Agius, numru tal-karta tal-identita` 232478M." – Dok. NZ a fol. 258 (Din ir-referensa tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa u hamsin (55) fis-sentenza appellata)

[11] Ara wkoll: Il-Pulizija vs Noel Frendo – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2004. (Din ir-referensa tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sitta u hamsin (56) fis-sentenza appellata)

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Paul Bond) kontra Jason Lee Borg u Alan Camilleri'**[12] gie kkunsidrat li:

*'Illi dan l-argument tad-difiza tal-appellanti bla ebda mod ma jreggi l-ghaliex il-fatt li f'xi kaz ma ittiehdux il-finger prints, jew li ma ingiebitx il-prova tal-fingerprints, ma jfissirx b'daqshekk li l-prosekuzzjoni ma gabetx l-ahjar provi. Fil-fatt f'hafna kazijiet, ikun hemm provi ohra, ad eskluzjoni tal-fingerprints, li jkunu bizzejjed biex iwasslu lil Qorti li ssib htija fuq l-akkuzati. Il-prova tal-fingerprints qedha hemm biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni, u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova. Fejn hemm provi ohra cari u anke cirkostanzjali skond il-ligi, mhux necessarjament li ghandu bilfors ikun hemm ukoll il-prova tal-marki tas-swaba.*

*Illi dan il-kaz, fil-fatt, jippernja fuq provi jew indizzji cirkostanzjali. Kif dejjem gie ritenut, tali provi ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzjoni li kien l-akkuzat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Paul De Battista) kontra Emanuel Camilleri'** [13]gie kkunsidrat li:

*'Il-prova tal-fingerprint, f'dan il-kaz partikolari, kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprint wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuzat. Izda f'dan il-kaz, din hi l-unika hekk imsejjha prova cirkostanzjali li hemm fli-process, u kif inhi, prova cirkostanzjali wahda, minghajr indizji jew provi cirkostanzjali ohra maghha li jkunu univoki u konkordanti, qatt ma tista' tghamel prova konklussiva.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Noel Frendo'**[14] gie kkunsidrat

*'L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *[1973] AC 729, p. 758 "...works*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998 (Appell Numru: 128/97)

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1998 (Appell Numru: 44/97)

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru, 2004 (Appell Kriminali Numru: 173/2003)

*by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il- bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il- bieb ta' l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.'*

Din il-Qorti taqbel mal-appellant fis-sens li gialadarba l-appellant jahdem gewwa l-Freeport, ma jfissirx necessarjament li l-appellant kellu xi kuntatt mal-container stante li lanqas gie pruvat mill-atti li l-appellant ma kellu l-ebda raguni ghala kellu jkollu kuntatt mat-tank tal-ilma. Izda nonostante dan, stante li l-prosekuzzjoni ippruvat li kien hemm kuntatt mill-imputat mat-tank tal-ilma u cioe' mal-kontenut tal-container, kien imbaghad jinkombi fuq l-appellant sabiex fuq bazi ta' probabilita' jipprova li kellu kuntatt ma' dan it-tank f'okkazzjonijiet mhux relatati ma' dan l-allegat reat. Kif ikkunsidrat fis-sentenza **<u>'Il-Pulizija v. Noel Frendo'</u>**[15]:

'*Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill- appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni.*'

Din il-prova wahedha fil-fehma ta' din il-Qorti ma kinitx tkun bizzejjed sabiex issib htija fl-imputat izda kellu jkun hemm cirkostanzi ohra li jippuntaw lejn id-direzzjoni tal-htija u cioe' aktar holoq fil-katina tal-provi. Filfatt irrizultaw provi ohra li jorbtu lill-appellant ma' dan ir-reat. Irrizulta li kienu saru telefonati bejn l-appellant u Rocco Agius nhar it-tlettax (13) ta' Frar ta-sena elfejn u erbatax (2014) u li dawn it-telefonati nqabdu mic-cellola tal-Benghajsa li tkopri z-zona tal-Freeport. Marisa Gauci li xehdet

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru, 2004 (Appell Kriminali Numru: 173/2003)

fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjegat li '*99443993 irregistrat f'isem Sergio Agius ghamel telefonata lil telefown number 99464195 irregistrat f'isem Rocco Agius. Wahda mit-telefonati damet tmien (8) sekondi u l-ohra hames (5) sekondi. Wahda f'16.17.55 u l-ohra 16.28.29 u l-location kienet Benghajsa.*' Mario Cordina fix-xhieda tieghu moghtija fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjega bhala haddiem tal-Vodafone li c-cellola tkopri l-Freeport. Jirrizulta li meta saru dawn it-telefonati u cioe' fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) ma kien hemm l-ebda raguni ghala l-appellant kellu jkun il-Freeport gialadarba huwa kien fuq *sick leave*. Fil-fatt John Visonich li xehed fil-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u li jokkupa l-kariga ta' personal officer gewwa l-Freeport qal li fix-xahar ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-imputat ha jumejn (2) sick leave fit-tnax (12) u tlettax (13) ta' Frar. L-appellant naqas milli jispjega kif irrizulta li saru telefonati maqbuda mic-Cellola ta' Benghajsa waqt li huwa kien fuq *sick leave*. Tenut kont tal-provi kollha, is-sottomissjoni tal-appellant li l-prova ta' impronta digitali fuq tank tal-ilma tista' ipotikament tfisser li l-appellant assista lill-awturi tar-reat wara l-fatt ma treggix u dan meta wiehed jikkunsidra l-provi indizzji ohra, mhux biss li Lawrence Farrugia donnu gharaf lill-imputat bhala passigier tat-trakk dakinhar izda anke li t-telefonati inkluz il-hinijiet tat-telefonati li saru mill-appellant jikkonfermaw li l-appellant kien il-Freeport meta saru dawn it-telefonati meta ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghala l-appellant kellu jkun hemm dakinhar. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech'</u>**[16]:

'*Difatti l-Imhallef li ppresjeda l-guri sahansitra spjega lill-gurati d-differenza li tghaddi bejn min jista' jitqies li huwa ko-awtur u min jista' jitqies li huwa komplici. Kwantu ghall-komplicita` l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal hekk:*

"*Naraw x'inhuwa l-komplici. Il-komplici huwa dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa ... jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, per ezempju biex jaslu fuq il-post, ghax dik hija parti mill-preparazzjoni tas-serqa ghax biex tisraq post trid tmur f'dak il-post, jew fit-twettiq tas- serqa, waqt li qed issir is-serqa, wiehed imur jaghmel haga, l-iehor imur jaghmel ohra, iehor jiffirma lil dak, ecc. anke min ikun qieghed ... jghinhom fit-twettiq tas-serqa*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Settembru, 2004 (Numru: 37/1996)

*per ezempju billi joqghod ghassa barra, sewwa .... Dan ikun qieghed jghinhom fit-twettiq ghax waqt li tkun qeghda ssir is-serqa gewwa, ghandhom il-guard barra li qieghed ghassa. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom mela, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel. .... Allura f' dan il-kaz, jekk jirrizultalkom illi kien hemm xi hadd li, bi ftehim mal-hallelin li kienu gewwa, fil-bank, jekk jirrizultalkom illi kien hemm hallelin gewwa ghax din hija kwistjoni taghkom, pero` jekk jirrizultalkom illi kien hemm hallelin fil-bank u dan bi ftehim maghhom mhux mar fuq il-post u pprezenta ruhu, imma gie wara apposta biex jipprovdilhom il-mezz tat-trasport biex jaharbu, sewwa, dak huwa l-figura tal-komplici. Jew inkella, jekk din il-persuna per ezempju, ghalkemm marret fil-vicinanzi, intom ma tistghux tghidu li pprezentat ruhha fuq il-post tad-delitt ghax tghidu ma kinitx vicin bizzejjed biex din taghti l-ghajnuna lill-hallelin jew halliel gewwa dak il-hin. Dik il-persuna tkun ukoll il-komplici, mhux il-ko-awtur, sinjuri gurati."*[17] *(enfazi ta' din il-Qorti)'*

Din il-Qorti ghalhekk mhux biss abbazi tal-fatt li nstabet impronta ta' suba' tal-imputat fuq tank li instab fil-container izda b'mod specjali li baqa' mhux spjegat il-fatt ta' kif minkejja li suppost l-appellant kien fuq *sick leave*, irrizulta li saru zewg telefonati minn numru cellulari registrat fuq l-imputat lil Rokku Agius fil-hin li kienet qieghda ssir is-serqa u li dawn it-telefonati inqabdu mac-cellola ta' Benghajsa li tkopri l-Freeport. Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li jezistu bizzejjed provi indizzjarji sabiex issib lill-appellant hati ta' komplicita' fis-serqa tal-container izda mhux fis-serqa tas-sigaretti.

Ikkunsidrat;

It-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li fl-aghar ipotesi ghall-appellant, il-fatti jwaslu ghal *furto d'uso* aggravat li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma huwiex kontemplat bhala reat. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar ir-rekwiziti tar-reat ta' serq. Jissottometti ukoll li l-intenzjoni teskludi dak li komunament jissejjah il-*furto d'uso*. Jaghmel referenza ghal Kodici Penali Taljan u ghall-artikolu 288 tal-

---

[17] Pagna 41 tal-kopja traskritta ta' l-indirizz. (Din ir-referensa tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza appellata)

Kodici Kriminali rigwardanti serq semplici fejn l-awtur kellu hsieb li jaghmel uzu biss tal-haga, bil-hsieb li jroddha minnufih. Jissottometti li l-appellant ma giex addebitat b'dan l-artikolu u li ghalhekk ma setax jinstab hati tieghu. Skont l-appellant, dan in-nuqqas ma setghax iwassal biex l-appellant jigi misjub hati ta' reat fejn l-element formali partikolari u specifiku huwa eskluz mill-provi li gew prodotti.

Dwar l-elementi kostitutittivi tar-reat tas-serq, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) versus Jean Claude Cassar'**[18] fejn gie kkunsidrat li:

*'Fil- ġurisprudenza tagħna, il-Qrati dejjem imxew ma' l-aktar teorija stretta dwar is-serq – dik ta' Carrara li fil-qosor tgħid li biżżejjed li wieħed iċaqlaq lapes minn post għal ieħor ġewwa l-istess kamara biex ikun ikkommetta serq.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri'**[19] gie kkunsidrat li:

*'Illi x'inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem[20] li our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

*Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali l-Qorti ta'l- Appell Kriminali[21] stabbilit li:*

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif*

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-28 ta' Mejju, 2004 (Numru 409/2003)

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Jannar, 2013 (Numru 209/2011)

[20] Notes on Criminal Law Vol II pagna 269. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata)

[21] Ref Pulizija vs John Galea deciza 31/01/2003. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

*jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I, para. 2035] :-*

*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell'ampio senso della parola."*

*u aktar 'l isfel :-*

*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*

*Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta li l-imputat ha l-vettura, li ma kenitx tieghu imma ta' missieru, minghajr il-kunsens ta' sidha; ghalhekk jirrizultaw l-elementi materjali kollha tar-reat in ezami.*

*Illi dwar l-element intenzjonali fil-fehma tal-Qorti dan il-kaz facilment jaqa taht definizzjoni*

*ta'l-hekk imsejjah furto d'uso ghaliex jidher car li l-imputat ha l-vettura ta' missieru biex juzaha. Il-furto d'uso pero jibqa furto fis-sens li fis-serq il-gwadann mhux necessarjament ikun gwadann pekunjarju il-gwadann maghmul mill-uzu tal-haga huwa bizzejjed*[22]*. In fatti dak li jissejjah furto d'uzo hu serq, fejn propju l-gwadann hu maghmul jikkonsisti mill-uzu anke temporanju, ta'l-oggett misruq*[23]*.'*

Fis-sentenza li l-appellant ghamel referenza ghaliha fir-rikors tal-appell u cioe" '**Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit'**[24] gie kkunsidrat li:

*'5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs Raymond Camilleri'**[25] fejn inghad:

*'Li fir-rigward il-"furto d'uso" din il-Qorti mhiex qeghdha tirrijavvisa li l-ablazzjoni tal-vettura mill-imputat tammonta ghal "furto d'uso" u mhux serq. Fid-dawl tal-elementi kostituttivi tas-serq hemm is-segwenti fatturi li jimmilitaw kontra l-"furto d'uso". Fl-ewwel lok hemm l-laxitu ta' zmien (24 siegha) bejn meta l-vettura giet asportata sakemm eventwalment giet irkuprata mill-pulizija; fit-tieni lok hemm il-fatt li l-imputat fil- hin li gie intercettat mill-pulizija (24 siegha wara) kien qieghed isuq il-vettura mhux ir-Rabat jew fid-direzzjoni tar-Rabat minn fejn kien hadha izda fl-Imqabba. Fit-tielet lok ma kien hemm ebda ostakolu ghall-imputat li jirritorna l-vettura dik il-gurnata stess wara li kien mar biha fejn l-Imgieret biex jiltaqa' ma' missieru u wara li missieru rega' waslu hemmhekk. L-imputat*

---

[22] Sottolinear ta' din il-Qorti. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) fis-sentenza citata)

[23] Ref Pulizija vs Martin Dimech Appell Kriminali deciza 10.07.1998 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata erbgha (4) fis-sentenza citata)

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

[25] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Frar, 2006 (Numru: 145/2002)

*ghalhekk ghandu jinstab hati wkoll ta' serq bl-aggravanti tal-valur u n-natura tal-haga misruqa.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Simon Galea Spettur Dennis Theuma V CHARLES AZZOPARDI ETIENNE PAWNEY'**[26] gie kkunsidrat LI:

*'Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha strahet principalment fuq iz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputati esibiti bhala dokumenti CSH 5 u CSH 6 a fol 12 et seq tal- atti odjerni. Illi fil-fehma taghha, din hija r-regina tal-provi, hija sostniet li f' dawn l-istqarrijiet hemm ammissjoni filwaqt li d-Difiza ssostni li ma hemm l-ebda ammissjoni ghar-reat ta' serq izda semmai, jirrizulta l-element ta' reat ta' furto d'uso.*

*Kif tajjeb ssolleva l-Ufficjal Prosekutur meta ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-* ***Qorti tal-Appell Kriminali*** *fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Carmelo Felice*** *li ghalkemm l-ligi taghna ma taghtix d-definizzjoni ta' serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li s-serq huwa l-kontrattazzjoni doluza ta' haga mobbli li ghandha valur, maghmul ghad-dannu u kontra l-volunta tas-sid bi skop li jsir minnha profitt.*

*Issa a bazi ghal din d-definizzjoni biex ikun hemm d-delitt ta' serq hemm bzonn il-konkors ta' dawn l-elementi:*

*a. l-impossessiment tal-haga;*

*b. li dik il-haga tkun ta' haddiehor;*

*c. li dak l-impossessiment isir kontra l- volunta tas-sid tal-haga; u*

*d. d. d-dolo, jigifieri l-iskop li mill-haga misruqa, isir profitt.*

*Dwar r-reat ta' furto d'uso, il-ligi taghna fl-artikolu 288 tal- Kap 9 jghid:*

*"The gain contemplated by the offender is the mere use of the thing with intention to restore some immediately."*

*Ghalhekk fil-kaz ta' furto d'uso kuntrarjament ghal hsieb fis-serq, li huwa li tapproprja haga*

---

[26] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) fil-11 ta' Ottubru, 2002 (Numru: 349/2002)

*ta' haddiehor b'mod permanenti, il-hsieb huwa uzu temporanju ta' haga.*

***Carrara fil-Vol IV pg. 2939 - Programma del Corso di Diritto Criminale** jghid;*

*"...ma e' il-caso di chi abbia sottratto la cosa altrui non con fine di appropriarsela, ma col fine di servirsene ad un suo bisogno e poscia restituirle per determinare il valore del tolto ne furto di uso non si deve stimare la proprieta' della cosa ma arbitrare il prezzo del godimento procuratosi."*

*Ghalhekk il-fattur determinati biex wiehed jara jekk hemmx reat ta' furto d'uso huwa semplicement jekk kienx hemm serq biex isir uzu temporanju mill-haga misruqa minghajr l-intenzjoni li japproprja ruhu minnha.'*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'kif jghid **l-Professur Mamo fin-Noti tieghu**, li dan r-reat ta' furto d'uso ta' xi haga jirrizulta meta jigu ppruvat li:*

*"The gain intended by the thief consists merely in the temporary use of the thing stolen without the intention on his part of, appropriating the thing permanently e.g. the maid who takes her mistress's jewellery to adorn herself on a special occasion intending to restore the same immediately thereafter or the man who takes a car from a car park to go for a drive, intending subsequently to take it back to the same place. " [sottolinear tal-Qorti]'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'The Police v. Siddy Sangari'**[27] fejn gie kkunsidrat li:

*'In its judgment the first court seems to have held that for the contrectatio and/or for the animus lucrandi to subsist for the purpose of theft under our law, it was necessary "that the intention of the thief must be to appropriate himself of an object belonging to another without the intention of returning it to him". The first court then proceeded to make a distinction between theft in terms of Article 261 of the Criminal Code the "so called furto d'uso as contemplated in Section [recte: Article] 288 of the Criminal Code". With all due respect this is a totally incorrect exposition of the law. A thing may be stolen even if the gain to be derived therefrom consists merely in the temporary use of that thing. The offence of theft for the mere use of the thing*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju, 2010 (Appell Kriminali Numru 151/2010)

*stolen, contemplated in Article 288 of the Criminal Code, is theft for all intents and purposes of law. That provision merely provides that when the gain – the animus lucrandi – is the mere use of the thing stolen with the intention to restore the thing immediately, and provided that there are no other aggravations (i.e. it is a case of simple theft in terms of Article 284), then the agent is liable to the punishments established for contraventions.*'

Ikkunsidrat;

L-artikolu 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li '*Il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, meta, fil-każ ta' serq sempliċi, l-utli li kellu fi ħsiebu, kien dak tal-użu biss tal-ħaġa, bil-ħsieb li jroddha minnufih.*' Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li fl-aghar ipotesi r-reat kien dak ta' *furto d'uso* u dan stante li l-uzu temporanju ma jirrizulta minn imkien. Ma hemmx dubju li hemm il-konkorrenza ta' hames (5) elementi tar-reat tas-serq u cioe' hemm il-kontrettazzjoni ta' haga, f'dan il-kaz tal-container, ta' haddiehor f'dan il-kaz certament li l-container ma kienx jappartjeni lill-appellant, b'qerq, kontra l-volonta' tas-sid stante li ma jirrizultax li kien hemm l-awtorizzazzjoni li l-container jiccaqlaq u bl-iskop ta' lukru. Dwar dan l-ahhar element, kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti:

'*Kif gia` nghad, il-fatt illi l-container "rega' tpogga f'postu wara ftit sieghat", kif issostni d-difiza, ma jnaqqas xejn mill-elementi materjali u lanqas dawk formali kostituttivi tar-reat, ghaliex huwa pacifiku fil-gurisprudenza li r-reat ta' serq huwa ikkonsumat u jissussisti fl-elementi kollha tieghu fil-mument illi "la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava.*[28]*", irrispettivament mir-ritorn o meno tar-res furtiva, ossia r-ritorn jew is-sejba tal-istess container l-ghada gewwa l-Freeport. Ghalhekk ma ghandhiex mis- sewwa s-sottomissjoni tal-imputat li r-ritorn tal-container wara ftit sieghat ifisser li dan ma setax ittiehed bi skop ta' lukru u li b'hekk huwa eskluz l-element formali tar-reat.*' Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. E. Cuschieri) Vs Jonathan Grech'**[29]:

'*L-aggravju li ma kienx hemm l-element tal-lucro ukoll mhux sorrett mill-provi ghaliex ghalkemm hu veru li l-appellant ma lahaqx ikkompleta l-intenzjoni furtiva tieghu, l-element*

[28] Carrara (Teoria dell'amotio) – citata f'Diritto Penale (L. Delpino), Parte I, p. 816. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn u tletin (32) fis-sentenza citata)

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 2008 (Appell Kriminali Numru: 78/2008)

*mhux li jkun hemm lucru imma li l-att furtiv isir "con animo di farne lucro" u cioe' li l-asportazzjoni issir bl-intenzjoni li dak li jkun jikseb qliegh jew vantagg "animo lucrandi" u mhux li dak il-qliegh jew vantagg jikkonkretizza ruhu bis-success tas-serqa.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li semghet, li prezumibbilment huma l-istess li semghet din il-Qorti, setghet tasal ghall-konkluzzjoni li kienu prezenti l-elementi kollha tar-reat ta' serq u cioe' "la contrettazione dolosa, della cosa altrui, invito domino, con animo di farne lucro". Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni impellenti biex tiddisturba l-apprezzamnt tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti.'*

Din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li ma jirrizultax li r-reat kien wiehed ta' *furto d'uso* izda kien wiehed ta' serq la darba kien hemm l-ispostiment tal-oggett u gialadarba ma hemm xejn x'jindika li dak kien ghall-uzu temporanju. Ghalhekk mill-provi jirrizulta li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontrih, limitatament in kwantu ghall-ewwel akkuza li f'Birzebbugia bejn it-tlettax (13) u l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) irrenda lilu nnifsu komplici tad-delitt tas-serq tal-container TEMU 2403485, liema serq in kwantu ghall-imputat huwa kkwalifikat bil-lok, il-persuna u l-valur tieghu.

Ikkunsidrat;

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena erogata li skont l-appellant hija harxa wisq tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-appellant jissottometti li l-kondotta tal-appellant ma hijiex wahda refrettarja u l-ahhar darba li nstab hati ta' reat jirrisali ghal kwazi ghoxrin (20) sena ilu. In oltre, jissottometti li l-appellant gie liberat mill-istrarande maggoranza tar-reati migjuba kontrih u li l-piena ta' prigunerija nonche' sospiza ma hijiex indikata ghar-reat ta' serq ghall-uzu temporanju ta' oggett li gie restitwit tale quale wara ftit sieghat. Filwaqt li din il-Qorti taqbel li l-kondotta tal-appellant ghalkemm mhijiex netta, izda mhijiex wahda rifrettarja, ma jirrizultax li l-oggett tas-serq kien ghall-uzu temporanju ta' oggett u cioe' tal-container anke jekk dan gie restitwit l-ghada tas-serqa. Jirrizulta li l-Ewwel Qorti hadet in konjizzjoni l-fatt li kienet qieghda ssib lill-appellant hati ta' serq tal-container per se u mhux li dan kien mimli sigaretti u anke tal-fatt li l-container gie konsenjat lura lil Freeport l-ghada tas-serqa.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija gusta u ma ssib raguni li abbazi taghha ghandha tiddisturba dan.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena b'dan li l-perjodu tas-sospensjoni tas-sentenza jibda' ghaddej mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati xi jkunu l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Din il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni tal-Ewwel Qorti fejn b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-imputat Sergio Agius ihallas is-somma komplessiva ta' sitt mija u disgha u disghin Ewro u hamsa u sebghin cemtezmu (€699.75) lir-Registratur tal-Qorti rapprezentanti l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri cioe' Dr. Leontine Calleja u Nathalie Zahra u nofs l-ispejjez tal-esperti Dr Martin Bajada u PS Joseph Caruana u PS Paul Camilleri mahturin fl-istadju tal-proces-verbal tal-inkjesta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur